# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 13 ta' Gunju 2017**

**Numru 2**
**Rikors numru 45/16 LSO**

**Angelo Frank Paul Spiteri**

**v.**

**L-Avukat Generali**

Preliminari

1. Dan huwa appell maghmul mir-rikorrent minn sentenza [is-sentenza appellata] tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-Sede Kostituzzjonali taghha tal-31 ta' Jannar 2017, li permezz taghha dik il-Qorti ddecidiet billi, filwaqt li cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-intimat illi r-rikors promotur huwa frivolu u vessatorju u abbuziv tal-process gudizzjarju ai termini tal-Artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta [Malta] u l-Artikolu 4(5) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem [il-Konvenzjoni] stante li mhuwiex ghajr appell minn digriet tal-

Qorti tal-Appell Kriminali tas-26 ta' Jannar 2016, laqghet it-tieni eccezzjoni tal-intimat dwar in-nuqqas ta' applikabbilita` tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, u ddisponiet mit-talbiet tar-rikorrent billi cahdet l-istess in kwantu ma sabithomx gustifikabbli la fil-fatt u lanqas fid-dritt.

Il-Fatti

2. Fit-18 ta' Dicembru 2015 ir-rikorrent tressaq taht arrest wara l-hrug kontrih ta' Mandat t'Arrest Ewropew datat 6 ta' Awissu 2015, mahrug mill-ufficcju tal-Prosekutur Generali tal-Litwanja. Dakinhar huwa nghata l-helsien mill-arrest taht il-kondizzjonijiet hemmhekk imposti. Fil-15 ta' Jannar 2016, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti ordnat li hu jkun estradit lejn ir-Repubblika Litwana, liema sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Frar 2016. Rizultat ta' dan, ir-rikorrent rega' gie arrestat u mizmum taht kustodja legali sabiex jigi estradit.

3. Ftit wara li r-rikorrent rega' tpogga taht kustodja legali, huwa intavola proceduri kostituzzjonali (Rik Kost 23/2016) decizi in prim istanza fit-18 ta' Mejju 2017, b'dan illi l-ezekuzzjoni tal-gudizzju ghall-estradizzjoni giet sospiza a tenur tal-Artikolu 22[2][b] tal-Att dwar l-Estradizzjoni.

4. Fil-21 ta’ Gunju 2016, huwa nghata digriet mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-atti tal-odjern rikors fuq talba tieghu ghal hrug ta’ *interim measure*, liema digriet gie sussegwentement revokat minn din il-Qorti b’sentenza datata 9 ta’ Jannar 2017. Permezz tal-odjerni proceduri, ir-rikorrent qed jikkontendi illi l-Artikoli 15(3) u 17 tal-Att dwar l-Estradizzjoni (Kap. 276 tal-Ligijiet ta’ Malta) huma lezivi tad-drittijiet fondamentali tieghu kif sanciti mill-Artikoli 5(1), 5(3), 5(4), 6 u 13 tal-Konvenzjoni u konsegwentement qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjarja li l-arrest tieghu taht l-Artikoli 5[3] u 17 tal-Kap. 276 huwa wiehed illegali. Qed jitlob ukoll illi l-Qorti tordna l-helsien mill-arrest tieghu u tillikwida kumpens xieraq li l-intimat ghandu jigi ordnat ihallsu minhabba d-deprivazzjoni tal-liberta` tieghu mill-15 ta’ Jannar 2016 ‘il quddiem.

<u>Is-Sentenza Appellata</u>

5. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha, a bazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

> “Illi permezz tal-proceduri odjerni r-rikorrent qed jilmenta li l-artikoli **15(3) u 17 tal-Att dwar l-Estradizzjoni** (Kap 276 tal-Ligijiet ta' Malta) huma lezivi tad-drittijiet tieghu kif sanciti mill-**Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali** (‘il quddiem imsejjah 'Il-Konvenzjoni') (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta). Essenzjalment qed jilmenta li l-istat ta' fatt ta' arrest u minghajr lanqas id-dritt li jitlob il-helsien mill-arrest wara d-decizjoni tal-Qorti Rimandanti huwa leziv tad-dritt fondamentali tieghu ghal-liberta' u ghall-procediment gust u dan kif imharsa **taht l-artikoli 5(1), 5(3), 5(4), 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea.** Ghaldaqstant qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li l-arrest tieghu mill-15 ta' Jannar 2016 huwa wiehed ilegali in kwantu qed isehh in forza tal-artikoli 15(3) u 17 tal-Kap 276 sucitati u b'hekk jiksru l-artikoli konvenzjonali imsemmija.

Inoltre qed jitlob rimedju kostituzzjonali billi jigi ordnat il-helsien mill-arrest tieghu taht dawk il-kondizzjonijiet ordnati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti fit-18 ta' Ottubru 2015.

"**L-Avukat Generali oppona ghat-talba[1] billi ssottometta li:**

"**1.** r-rikors odjern huwa frivolu, vessatorju u abbuziv tal-process gudizzjarju *stante* li din il-Qorti kif adita m'hijiex Qorti ta' revizjoni;
"**2.** Li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma japplikax fil-kuntest tal-estradizzjoni jew tal-*European Arrest Warrant* (EAW);
"**3.** Li ma hemm l-ebda ksur tal-**artikoli 5(1) (3) u (4)** tal-Konvenzjoni *stante* li :
- id-dritt ghall-kumpens huwa marbut ma' ksur tal-artikolu skont l-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni;
- Li l-arrest tar-rikorrent huwa fost wiehed mic-cirkostanzi gustifikabbli, senjatament skont l-artikolu 5(1)(f) tal-Konvenzjoni;
- L-inapplikabbilita' tal-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni li tirreferi ghall-kaz ikkontemplat taht l-artikolu 5(1)(c) tal-Konvenzjoni li mhuwiex il-kaz odjern;
- Anke jekk l-artikolu 5(3) kellu jigi applikat, gie sottomess illi mill-atti processwali jirrizulta li l-proceduri ta' estradizzjoni in mertu gew mismugha b'eccellarita' u speditezza.
- Li d-dettam tal-artikou 5(4) tal-Konvenzjoni huwa soddisfatt billi r-rikorrent ghandu a disposizzjoni tieghu rimedju taht **l-artikolu 412B tal-Kodici Kriminali** (Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta) ghall-fini tal-impunjar tal-kontinwita' tal-arrest oltre proceduri kostituzzjonali;

"**4.** Illi d-dritt ghas-smigh xieraq gie soddisfatt pjenament quddiem il-Qorti tal-Magistrati u l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kuntest tal-proceduri ghat-treggigh lura tar-rikorrent lil Litwanja. L-istess jinghad ghall-proceduri rigwardanti d-Digriet moghti mill-Qorti tal-Appell Kriminali li bih giet michuda t-talba ghall-helsien mill-arrest tar-rikorrent.
- Illi l-fatt li l-access (ghall-Qorti) huwa limitat mhuwiex vjolattiv tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

"**5.** Illi l-artikolu 13 huwa soddisfatt *stante* r-rikorrent ghandu rimedju quddiem il-Qorti f'Sede Kostituzzjonali.

"**Fatti fil-Qosor**

"Ikkonsidrat li l-fatti li wasslu ghall-proceduri odjerni mhumiex in kontestazzjoni. Ir-rikorrent gie mqieghed taht ordni ta' kustodja fi stennija ghat-treggiegh lura lejn il-Litwanja wara li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti, kif ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali, esegwiet Mandat ta' Arrest Ewropew kontrih. B'effett immedjat tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) gie revokat il-helsien mill-arrest li kien qed igawdi pendenti l-proceduri quddiem il-Qorti tal-ewwel grad, u r-rikorrent baqa' detenut fil-facilita' Korrettiva ta' Kordin sallum salv ghall-perjodu fejn din il-Qorti ordnat ir-rilaxx

[1] Risposta a fol 52 tal-process.

tieghu permezz ta' ordni ta' *interim relief,* liema ordni gie revokat fid-9 ta' Jannar 2017 mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali.

“**Kronologija**

“**- 18 ta' Dicembru 2015** ir-rikorrent tressaq taht arrest mill-Pulizija ta' Malta quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) wara l-hrug kontrih ta' Mandat t'Arrest Ewropew datat 6 ta' Awwissu 2015 li kien mahrug mill-Ufficcju tal-Prosekutur Generali tal-Litwanja.
“- F'dik id-data tat-**18 ta' Dicembru 2015** talab u nghata l-helsien mill-arrest essenzjalment fuq depozitu ta' €5,000 (hamest elef ewro) u garanzija personali ta' €10,000 (ghaxart elef ewro), apparti l-obbligu li jiffirma kuljum fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra;
“- Fil-**15 ta' Jannar 2016** il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti ordnat li jkun estradit lejn ir-Repubblika tal-Litwanja.
“- Fis-**26 ta' Jannar 2016** il-Qorti tal-Appell Kriminali cahdet it-talba li ghamel ir-rikorrent ghall-helsien mill-arrest u dan wara li l-Qorti ccitat **l-artikoli 15(3) u 17 tal-Att dwar l-Estradizzjoni (Kap. 276 tal-Ligijiet ta' Malta)**
“- Fis-**17 ta' Frar 2016** giet ikkonfermata s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Qorti tal-Appell Kriminali.
“- Ir-rikorrent intavola proceduri kostituzzjonali pendenti quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz *Angelo Frank Paul Spiteri v L-Avukat Generali* (Rik.Kost.23/2016 JPG) u ghalhekk l-ezekuzzjoni ghat-treggiegh lura tar-rikorrent giet sospiza.
“- Illi r-rikorrent inzamm arrestat u tilef il-helsien mill-arrest li kellu fil-15 ta' Jannar 2016.
“**-** Fil-**21 ta’ Gunju 2016** nghata digriet mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-atti tar-Rikors Kost.45/16 LSO fuq talba ghall-*interim measures.*

“**-** Fid-**9 ta' Jannar 2017** dan id-digriet gie revokat mill-Qorti Kostituzzjonali.

“Illi l-fatti mhumiex in kontestazzjoni u hemm qbil li l-punti kontroversi f'dawn il-proceduri huma prettament legali. Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi biex tikkonsidra t-talbiet u l-eccezzjonijiet sollevati.

“**L-Artikoli 15(3) U 17 tal-Kap. 276 (L-att dwar l-Estradizzjoni).**

“Illi l-**artikolu 15(3) jiddisponi hekk:**

> “***15. (3)*** *Meta awtorità għal proċediment tkun giet maħruga dwar il-persuna arrestata u l-qorti rimandanti tkun sodisfatta, wara li tisma’ l-provi kollha migjuba biex isostnu t-talba għat-treggigħ lura ta’ dik l-persuna jew migjuba f’isem dik il-persuna, li r-reat li dwaru dik l-awtorità tirreferixxi huwa reat ta’ estradizzjoni u tkun ukoll sodisfatta:-*
> *(a) jekk il-persuna hija akkużata bir-reat, illi l-provi jkunu biżżejjed biex jiggustifika li dik il-persuna tgħaddi proċeduri dwar dak ir-reat li kieku kien sar fil-gurisdizzjoni tal-Qrati tal-Gustizzja Kriminali ta’ Malta;*

*(b) jekk jigi allegat dwar dik il-persuna li hi ħielsa kontra l-ligi wara li nstabet ħatja ta' reat, illi hi kienet verament misjuba hekk ħatja u jidher li tkun hekk ħielsa, il-qorti għandha, kemm-il darba ma jkunx projbit li dik il-persuna hekk tintbagħat minn xi disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, tibgħatha taħt kustodja għall-fini tat-treggigħ lura tagħha taħt dan l-Att; iżda jekk il-qorti ma tkunx hekk sodisfatta jew ikun hekk projbit li dik il-persuna tintbagħat taħt kustodja għal dak il-fini, il-qorti għandha teħlisha mill-kustodja:*

*Iżda minkejja kull ordni li jeħlisha minn kustodja dik il-persuna tibqa' f'kustodja sakemm igħaddu tlett ijiem tax-xogħol minn kull ordni bħal dak u, meta jkun sar appell mill-Avukat Generali, sakemm l-appell jinqata' jew jigi abbandunat, jew l-Avukat Generali jagħti l-kunsens tiegħu għall-ħelsien ta' dik il-persuna."*

"**L-artikolu 17 jiddisponi:**

"***"17.*** *(1) Kull persuna mqiegħda jew mibgħuta taħt kustodja skont l-artikolu 15 għandha tintbagħat il-ħabs u għandha tigi meqjusa bħala persuna li tkun qed tistenna biex isirulha l-proċeduri.*
*(2) Dik il-persuna għandha titqies li tkun taħt kustodja legali mill-ħin li hekk titqiegħed jew tintbagħat sakemm tkun 'il barra mill-gurisdizzjoni tal-Qrati tal-Gustizzja Kriminali ta' Malta."*

"**L-Ewwel Eccezzjoni - Li l-proceduri odjerni huma frivoli u vessatorji u abbuzivi tal-process gudizzjarju.**

"Illi din il-Qorti tibda biex tafferma li taqbel mal-Avukat Generali li mhuwiex il-kompitu taghha li tkun Qorti tal-Appell jew revizjoni dwar il-mertu tas-sentenzi moghtija u li l-kawza odjerna tirrigwarda l-aspetti kostituzzjonali u/jew konvenzjonali tad-drittijiet invokati. (Ara f'dan is-sens **J.E.M. Investments Limited v Avukat Generali**[2]). B'hekk ma jfissirx li t-talbiet odjerni huma fiergha u vessatorji. Jigi rammentat li fejn ikun hemm element ta' agir fieragh u jew vessatorju fi procedura gudizzjarja, dan normalment jixhed l-abbuz tal-process gudizzjarju.

"Illi hekk kif gie ribadit mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Mark Lombardo et v Kunsill Lokali tal-Fgura et** deciz fit-8 ta' Jannar 2010:

"*"Din il-Qorti tibda biex tirrileva li hi ma tistax u m'ghandhiex isservi bhala Qorti tat-tielet istanza, u m'ghandhiex tirrevedi l-proceduri ta' quddiem il-Qrati Ordinarji jew l-analizi tal-fatti*
*li dawn ikunu ghamlu, biex sempliciment timponi l-opinjonijiet taghha flok dawk tal-Qrati Ordinarji. Din mhix il-funzjoni ta' din il-Qorti (u*

[2] Q.K. 30.9.2011 *"23. Illi kif tajjeb osservat il-Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali), u fuq dan jaqblu l-intimati u anke s-socjeta` rikorrenti, id-dritt ghas-smigh xieraq ma jiggarantix il-korrettezza tas-sentenzi fil-meritu izda jiggarantixxi biss l-aderenza ma' certi principji procedurali (indipendenza u imparzjalita` tal-Qorti u tal-gudikant, audi alteram partem u smigh u pronuncjament tas-sentenza fil-pubbliku) li huma konducenti ghall-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja. Il-funzjoni tal-Qorti, fil-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha, m'hijiex illi tirrevedi s-sentenzi ta' Qrati ohra biex tghid jekk dawn gewx decizi 'sewwa' jew le, izda hija limitata ghall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea."*

> *anqas tal-Prim Awla fil-kompetenza taghha kostituzzjonali). Li trid tara' din il-Qorti huwa jekk id-decizjoni tal-Qrati Ordinarji, fil-kuntest tal-fattispecie ta' dan il-kaz, ittiehditx b'mod li gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti."*

"Permezz tal-proceduri odjerni r-rikorrent mhuwiex qed jitlob revizjoni fil-mertu tad-decizjonijiet tal-Qrati ta' kompetenza kriminali, *stante* li ghal dak li jirrigwarda l-ordni tal-helsien, Ir-rikorrent adixxa lil din il-Qorti sabiex tezamina jekk l-artikoli 15(3) u 17 tal-Kap 276 jiksru d-drittijiet tieghu hekk kif protetti skont il-Konvenzjoni Ewropea in kwantu jorbtu idejn il-Qrati tal-Gustizzja (precizament il-Qorti tal-Appell Kriminali) fl-ghoti tal-helsien mill-arrest. Il-Qorti f'din il-kompetenza hija ghalhekk adita biex tiddetermina jekk dawk id-disposizzjonijiet huma lesivi tal-principji u tad-drittijiet konvenzjonali li jemanu mill-artikoli 5, 6 u 13 tal-Konvenzjoni.

"Illi fid-dawl tal-premess, hija - fehma konsiderata ta' din il-Qorti li l-lanjanzi imqanqla mir-rikorrent mhumiex semplicement frivoli u/jew vessatorji jigifieri mhumiex fost dawk li " *prima facie*, *m'ghandhomx jitiqesu ta' ebda pregju jew valur, vani, nieqsa mis-serjetà, manifestament nieqsa mis-sens li ma jisthoqqilhomx attenzjoni, u/jew, li gew sollevati minghajr ragunijiet sufficjenti u bl-iskop li ddejqu u jirritaw lill-kontroparti." (*Ara ad ez ***Alan Mifsud v Avukat Generali*** (QK dec. fl-20 ta' Novembru 1990); **Il-Pulizija v Noel Arrigo at.** (Q.K.29.10.2003).

"Ghaldaqstant din il-Qorti hi tal-fehma li din l-eccezzjoni mhix gustifikata fil-fatt u fil-Ligi u qed tigi respinta.

"**It-Tieni Eccezzjoni - L-Artikolu 6 ma japplikax fil-kuntest tal-estradizzjoni jew fil-kuntest tal-*European Arrest Warrant.***

"Illi l-intimat semma wkoll l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Izda dan l-artikolu ma giex invokat mir-rikorrent u din il-Qorti ser tittratta din l-eccezzjoni fil-kwadru tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

"Illi **l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea** (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta) jiddisponi li "*Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta'xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi....."* ghaldaqstant l-intimat jargumenta li l-proceduri ta' estradizzjoni u dawk li jirrigwardaw id-decizjoni Kwadru tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew ma jinvolvu l-ebda ezami *ai fini* ta' determinazzjoni ta' htija tal-persuna u b'hekk mhumiex koperti bl-artikolu ccitat.

"Illi r-rikorrent jissottometti li ghalkemm huwa veru li l-proceduri ta' estradizzjoni nnifishom ma jiddeterminawx "*a criminal charge",* huma mahsubin sabiex jghaddu ghad-determinazzjoni ta' *criminal charge* u "*ghalhekk ghandha tigi kkunsidrata bhala stadju inizjali tal-proceduri*

*bhala hi l-investigazzjoni, li huwa stabbilit issa li taqa' taht l-Artikolu 6."*[3] Huwa jaghmel riferenza ghall-artikolu 17(1) tal-Kap 276 biex jsostni t-tezi tieghu billi dan is-subartikolu jghid li kull persuna mqiegħda jew mibgħuta taħt kustodja skont l-artikolu 15 għandha tintbagħat il-ħabs u għandha tigi meqjusa bħala persuna li tkun qed tistenna biex isirulha l-proċeduri."

"Illi l-Qorti ma taqbilx ma' din it-tezi li mhix konfortata kemm b'riferenza ghall-kliem **tal-artikolu 6** kif ukoll mill-interpretazzjoni u applikazzjoni tal-gurisprudenza kostanti, mhux biss tal-Qrati taghna, imma mill-Qorti Ewropea (ECtHR).

F'dan il-kuntest saret referenza mill-intimati ghas-sentenza l-aktar recenti ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta fl-ismijiet **Philip Mifsud v Avukat Generali (**Rik.Kostituzzjonali 55/2014 AE- mhux appellata) fejn il-Qorti ghamlet riferenza ghall-giurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg u osservat hekk:

> "*"Hemm gurisprudenza li l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma japplikax ghall-proceduri ta'estradizzjoni (ara per ezempju **H v Spain**, App. 10227/82; E.G.M. v Luxembourg, App.24015/94; **Salgado v Spain**, App. 65965/01; u **Kirkwood v United Kingdom**, App. 10479/83 decizi mill-Kummissjoni). Hemm ukoll il-kaz ta' **Mondero Angora v Spain** (App. 41138/05) li b'decizjoni tas-7 ta' Ottubru 2008 gie ddikjarat inammissibbli. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani qalet:*
>
> > "*"the extradition procedure does not involve the determination of the applicant's civil rights and obligations or of a criminal charge against him within the meaning of Article 6 of the Convention (see Penafiel Salgado v. Spain (dec.), no. 65964/01, 16 April 2002)".*

"Inoltre skont il-gurisprudenza nostrana proċeduri t'estradizzjoni huma proċeduri *sui generis* u ma humiex proċeduri ta' natura kriminali fis-sens li dawn il-Qrati ma jiddikjarawx jekk persuna hix ħatja jew le ta' reati ta' natura kriminali. Dan joħrog ċar mis-sentenza "**Il-Pulizija vs. Raymond Gauci et**"[4] fejn ingħad li: -

> "*"Kif gja' kellha okkazzjoni taghmel f'decizjoni li tat din il-Qorti, kif presjeduta, illum stess, fl-Appell Kriminali 118/2001 fl-isimijiet '**Il-Pulizija vs. Fatiha Khallouf',** fi proceduri ta' estradizzjoni quddiem il-Qrati taghna ma tezistiex il-figura ta' persuna li tigi mputata jew akkuzata b'reat. F'dawn il-Qrati ma jigix deciz jekk hemmx htija jew le, jekk hemmx responsabbilita' kriminali jew le, ma tigix uzurpata l-funzjoni ta' min finalment ghandu jiggudika. F'dawn il-proceduri ma hemm ebda "criminal charge to be determined". Dawn huma proceduri intizi biex jigi stabbilit jekk hemmx il-presupposti fattwali w formali skont il-ligi, inkluza l-Kostituzzjoni (Art. 43), sabiex talba ta' pajjiz barrani ghat-treggigh lura lejn dak il-pajjiz ta' persuna partikolari tintlaqa'. Effettivament ghandu dejjem jigi nnutat u sottolineat li mhumiex il-Qrati Maltin li jordnaw l-estradizzjoni ta' persuna lejn pajjiz*

[3] Nota ta' sottomissjonijiet para 16.
[4] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Settembru 2001.

> *barrani rikjedent, izda tali Ordni ta' Treggigh Lura jinhareg finalment u biss mill-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja fid-diskrezzjoni tieghu."(*Art.21 tal-Kap. 276).

"Il-posizzjoni legali ghal dak li jikkoncerna l-applikabbilita' tal-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni** ghall-proceduri ta' estradizzjoni hija cara. Skont l-awturi in materja, **Harris O'Boyle & Warbrick** (Law of the European Convention on Human Rights (3rd.Ed.[5]) "*Finally extradition proceedings to face a criminal charge in another state are not subject to **Article 6[6].*** *Nor are the transfer of a convicted prisoner abroad[7]or the execution of a Euopean Arrest Warrant."[8]*

"Illi fil-kaz **Monedero Angora v Spain[9]** il-Qorti Ewropea kkonsidrat kaz ta' estradizzjoni abbazi tal-EAW, u rriteniet :

> "*"With regard to the applicant's complaints under Article 6 of the Convention, the Court reiterates at the outset that the right not to be extradited is not as such one of the rights and freedoms recognised in the Convention and its additional Protocols (see K. and F. v. the Netherlands, no. 12543/86, Commission decision of 2 December 1986, Decisions and Reports 51, p. 272). Furthermore, the extradition procedure does not involve the determination of the applicant's civil rights and obligations or of a criminal charge against him within the meaning of Article 6 of the Convention (see Peñafiel Salgado v. Spain (dec.), no. 65964/01, 16 April 2002).*
>
> "*In view of the extracts from the statement of reasons of Law 3/2003 set out in the "Relevant domestic law" part, the Court notes that the European arrest warrant procedure replaces the standard extradition procedure between member States of the European Union and pursues the same aim, namely the surrender to the authorities of the applicant State of a person who is suspected of having committed an offence or who is trying to escape justice after having been convicted by a final decision. Execution of a European arrest warrant is, in fact, practically automatic; the judicial authority does not carry out a fresh examination of the warrant in order to check that it conforms to its own domestic law, and will only refuse its execution for reasons laid down by the Law.*
>
> "*It follows from the above, analysed in the light of the case-law of the Court, that this procedure does not concern the determination of a criminal charge. Accordingly, this part of the application is incompatible rationae materiae with the provisions of the Convention within the meaning of Article 35 § 3, and must be rejected pursuant to Article 35 § 4."* (enfasi ta' din il-Qorti)."

[5] p.373
[6] **Mamatkulov & Askarov v Turkey 2005-I;41 EHRR 494 GC**
[7] **Szabo v Sweden NO. 28578/03 hudoc (2006) DA**
[8] **Monedro Angora v Spain No 41138/05 hudoc(2008)DA.**
[9] Dec fis 7 ta' Ottubru 2008 (App Nrum 41138/05.

“Illi din l-istess posizzjoni giet imfissra minn din il-Qorti kif attwalment presjeduta fil-kaz **Sebastiano Brunno v L-Avukat Generali** (Rik.Kost.17/2015/LSO) deciza fit-3 ta' Dicembru 2015 li ghaddiet in gudikat, fejn din il-Qorti rritieniet finalment li :

> “*"Difatti dan l-artikolu (***art 6)** *gie mfisser mill-Qrati tagħna bħala li japplika biss fejn ikun inbeda proċediment quddiem qorti li, fl-għeluq ta' dak il-proċediment, tista' tasal biex tagħti deċiżjoni li tiddetermina l-ħtija jew in-nuqqas ta' ħtija tal-persuna akkużata.*[10] *Il-proceduri ghall-estradizzjoni ta' persuna lejn pajjiz iehor ma jaqawx f'din il-kategorija."*

“Illi ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi **milqugha** billi Il-Qorti tal-fehma li **l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni** ma japplikax ghall-kaz in ezami li jikkoncerna proceduri ancillari ghall-estradizzjoni u kwindi eskluzi mill-applikazzjoni tal-istess artikolu. Effettivament l-Konvenzjoni tiggarantixxi aspetti procedurali fl-ambitu tal-artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni u tal-aspett tal-legalita' tad-detenzjoni fl-istess artikolu 5 tal-Konvenzjoni li m'ghandhomx l-istess firxa bhall-garanziji procedurali fl-artikolu 6.

“Illi fit-trattazzjoni gie sottomess li dak li qed jilmenta minnu r-rikorrent huwa n-nuqqas ta' access ghall-Qorti, ossia ghar-rimedju. Izda dan mhuwiex minnu ghaliex, kif ser jigi trattat iktar 'il quddiem, hemm rimedju taht il-Kap 319 u f;kwalsiasi kaz, dan l-ilment ghandu jigi inkwadrat taht l-artiklu 5(4) tal-Konvenzjoi billi din il-Qorti, kif ser jirrisulta, taqbel mat-tesi tal-intimat li l-kaz odjern ghandu jigi esaminat b'riferenza ghall-artikolu 5(1)(f) tal-Konvenzjoni..

“Illi wkoll , Ir-rikorrent mhuwiex qed jikkonsidra n-natura partikolari ta' proceduri ta' estradizzjoni permezz tal-*European Arrest Warrant* li huwa strettament regolat b'*lex specialis.* Gjaladarba l-Qrati tal-ewwel u tat-tieni istanza jilqghu it-talba ghall-estradizzjoni, ma hemm xejn, anzi huwa obbligatorju ghall-Istat Malti, li jesegwixxi l-estradizzjoni. Ir-rikorrent mhuwiex f'ebda hin jilmenta dwar il-prosegwiment tal-kawza ta' estradizzjoni u infatti jirrizulta mill-atti li dawn il-proceduri inqatghu bl-akbar speditezza. Kien inzamm detenut bejn l-ewwel sentenza tal-15 ta' Jannar 2016 u s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li nghatat granet wara fis-26 ta' Jannar 2016. Ghal xi raguni stenna sal-10 ta' Mejju 2016 biex jintavola l-kawza odjerna
.

“Illi imbaghad ir-rikorrent jaghmel riferenza ghall-kaz fl-ismijiet **Avukat Dottor Lawrence Pullicino v Kap Kmandant tal-Forzi Armati et** (QK - 12 ta' April 1989). F'dik il-kawza r-rikorrent ibbaza l-ilment tieghu fuq it-tezi li in kwantu l-Kodici Kriminali taghmel mandatarju l-arrest fil-kaz tieghu u ma jippermettix l-ghoti ta' liberta; provizorja f'cirkostanzi bhal dawk tieghu, allura dan jilledi d-dritt tieghu ghar-*release pending trial kif sanciti bl-artikoli 5(1)(c) u 5(3) tal-Konvenzjoni* (oltre l-art.6(1) tal-Konvenzjoni). Huwa evidenti minnufih li dan il-kaz

[10] Ara P.A. (Kost.) 17.1.2002 fil-kawża fl-ismijiet **Karl Heinrich Muscat vs l-Avukat Ġenerali et** u Kost. 16.10.2002 fil-kawża fl-ismijiet **Anthony Żarb et vs Ministru tal-Ġustizzja et**

mhuwiex paragunabbli mal-kaz odjern *stante* li d-dritt ghall-helsien mill-arrest jirrizulta *espressis verbis* fl-artikolu 5(3) marbut mal-artikolu 5(1)(c) tal-Konvenzjoni. Huwa minnu li dawn iz-zewg subartikoli gew invokati mir-rikorrent izda kif ser jirrizulta, din il-Qorti kkonkludiet li mhumiex applikabbli. Ghalhekk din ir-riferenza qed tigi imwarrba.

"**Mertu - Applikazzjoni tal-Artikolu 5- (1) (3) u (4) tal-Konvenzjoni Ewropea**

"**Illi l-artiklu 5 (1)(3) u (4) tal-Konvenzjoni jiddisponu:**

> "*" (1) Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà u għas-sigurtà tal-persuna. Ħadd ma għandu jigi ipprivat mil-libertà tiegħu ħlief fil-każijiet li gejjin u skont il-proċedura preskritta bil-ligi:*
> *(a) id-detenzjoni skont il-ligi ta' persuna wara li tinsab ħatja minn qorti kompetenti;*
> *(b) l-arrest jew id-detenzjoni skont il-ligi ta' persuna għal nuqqas ta' tħaris ta' ordni skont il-ligi ta' qorti jew sabiex jigi żgurat it-twettiq ta' xi obbligu preskritt mil-ligi;*
> *(ċ) l-arrest jew detenzjoni skont il-ligi ta' persuna effettwata sabiex tigi migjuba quddiem l-awtorità legali kompetenti fuq suspett ragonevoli li tkun ikommettiet reat jew meta jkun meqjus ragonevolment meħtieg biex jigi evitat li tikkommetti reat jew li taħrab wara li tkun għamlet reat;*
> *(d) id-detenzjoni ta' minuri b'ordni skont il-ligi għall-iskop ta' sorveljanza edukattiva jew id-detenzjoni tiegħu skont il-ligi sabiex jigi migjub quddiem l-awtorità legali kompetenti;*
> *(e) id-detenzjoni skont il-ligi ta' persuni biex jigi evitat it-tixrid ta' mard infettiv, ta' persuni mhux f'sensihom, addetti għall-alkohol jew għad-drogi jew vagabondi;*
> *(f) l-arrest jew id-detenzjoni skont il-ligi ta' persuna biex jigi evitat li tidħol mingħajr awtorità fil-pajjiż jew ta' persuna li kontra tagħha tkun qed issir kawża għad deportazzjoni jew għall-estradizzjoni.*
> *(2) omissis-*
> *(3) Kull min ikun arrestat jew detenut skont id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (1) (ċ) ta' dan l-Artikolu għandu jingieb minnufih quddiem imħallef jew funzjonarju ieħor awtorizzat b'ligi biex jeżerċita setgħa gudizzjarja u jkollu dritt għal proċeduri fi żmien ragonevoli jew għal ħelsien waqt pendenza tal-proċeduri. Il-ħelsien jista' jkun taħt kundizzjoni ta' garanziji biex jidher għall-proċeduri.*
> *(4) Kull min ikun ipprivat mil-libertà tiegħu b'arrest jew detenzjoni jkollu dritt li jagħmel proċeduri biex il-legalità tad-detenzjoni tiegħu tigi deċiża malajr minn qorti u l-libertà tiegħu tigi ordnata jekk id-detenzjoni ma tkunx skont il-ligi."*

"Illi huwa pacifiku li d-dritt ghal-liberta' u sigurta' tal-persuna huwa *core right* fil-qafas tad-drittijiet fondamentali tal-Bniedem kif sanciti fil-Konvenzjoni, u dan flimkien mad-drittijiet sanciti fl-artikoli 2, 3 u 4 tal-Konvenzjoni. L-essenza tad-dritt protett huwa mfisser f'dawn il-kliem mill-awturi Harris, O Boyle & Warbrick[11] u cioe`:

[11] op cit. pp. 188 - 189

> *“"The Strasbourg jurisprudence underlines the paramount importance of the right to liberty in a democratic society, it's relationship with the principle of legal certainty and the rule of law, and that the overall purpose of Article 5 is to ensure that no one should be dispossessed of his liberty in an ' arbitrary fashion."*

“Hekk fil-kaz **Medvedyev and Others vs France** [12] il-Qorti Ewropea riaffermat il-gurisprudenza precedenti in materja:

> *“**"** 76. The Court reiterates that Article 5 of the Convention protects the right to liberty and security. This right is of the highest importance “in a democratic society” within the meaning of the Convention (see, among many other authorities, De Wilde, Ooms and Versyp v. Belgium, 18 June 1971, § 65, Series A no. 12, and Winterwerp v. the Netherlands, 24 October 1979, § 37, Series A no. 33).*
>
> *“77. All persons are entitled to the protection of this right, that is to say, not to be deprived, or continue to be deprived, of their liberty (see Weeks v. the United Kingdom, 2 March 1987, § 40, Series A no. 114), save in accordance with the conditions specified in paragraph 1 of Article 5."*

“Madanakollu taqbel mal-Avukat Generali li dan id-dritt mhuwiex wiehed assolut in kwantu l-istess artikolu jelenka l-eccezzjonijiet taht is-subartikolu 1(a) - (f) liema artikoli huma *numerus clausus* li ghandhom jinghataw interpretazzjoni restrittiva u ma jistghux jigu estizi ghall-kazijiet li mhumiex hemm ikkontemplati. Id-deprivazzjoni tal-liberta' ma tistax tigi ggustifikata ghajr f'dawk ic-cirkostanzi.

“Hekk fil-kaz sucitat ta' **Medvedyev and Others** il-Qorti kompliet:

> *“"78. The list of exceptions to the right to liberty secured in Article 5 § 1 is an exhaustive one (see **Quinn v. France,** 22 March 1995, § 42, Series A no. 311, and **Labita v. Italy** [GC], no. 26772/95, § 170, ECHR 2000-IV), and only a narrow interpretation of those exceptions is consistent with the aim of that provision (see Engel and Others v. the Netherlands, 8 June 1976, § 58, Series A no. 22, and Amuur, cited above, § 42)."*

“Illi in linea ta' principju generali gie ribadit ukoll mill-Qorti Ewropea fil-kaz **Kurt v Turkey** [13] li:-

> *“"1. It must also be stressed that the authors of the Convention reinforced the individual’s protection against arbitrary deprivation of his or her liberty by guaranteeing a corpus of substantive rights which are intended to minimise the risks of arbitrariness by allowing the act of deprivation of liberty to be amenable to independent judicial scrutiny and by securing the accountability of the authorities for that act. "*

“**Applikabilita' tal-Artikolu 5(1)(f) tal-Konvenzjoni**

[12] GC - Dec. fid-29 ta' Marzu 2010 - Application no. 3394/03
[13] 1998-III;27 EHRR 373 para 123.

"Illi l-ilment tar-rikorrent jikkonsisti fil-fatt li qed jinzamm taht arrest fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u dan la ghax kiser xi kondizzjoni tal-helsien mill-arrest u lanqas ghax gie misjub hati ta' xi reat izda semplicement ghax **l-artikoli 15(3) u 17 tal-Kap 276 tal-Ligijiet ta' Malta** jaghmluh mandatarju li ma jinghatax helsien mill-arrest jew, bhal ma gara fil-kaz tieghu, jigi revokat il-helsien mill-arrest li kien igawdi minghajr id-dritt ghar-revizjoni. Dan kollu jikser d-dritt fondamentali tieghu ghal-liberta' u ghall-procediment gust u dan kif imharsa taht l-artikoli 5(1), 5(3), 5(4), 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

"L-intimat wiegeb billi invoka s-subartikolu 5(1)(f) tal-Konvenzjoni u ssottometta li d-detenzjoni in mertu hija wahda minn dawk hemm ikkontemplati.

"Il-Qorti taqbel mal-posizzjoni tal-intimat. Il-Konvenzjoni stess, wara li tistabbilixxi l-principju fondamentali generali, tghid li ħadd ma għandu jigi ipprivat mil-libertà tiegħu *ħlief fil-każijiet li gejjin u skont il-proċedura preskritta bil-ligi."* (sottolinear ta' din il-Qorti.)

"Isegwi li l-ewwel punt ta' stharrig ghandu jkun jekk il-kaz odjern huwa mahsub fost dawk fejn id-detenzjoni hijiex wahda gustifikabbli.

"Ikkonsidrat li r-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kompetenza taghha bhala Qorti Rimandanti, fuq talba ghall-hrug ta' Mandat ta' Arrest Ewropew. Ir-revoka tal-helsien mill-arrest li kien igawdi pendenti l-proceduri quddiem l-ewwel Qorti sehh meta l-Qorti, wara li rrevediet it-talba, ordnat l-estradizzjoni tieghu u dan bl-applikazzjoni tal-**Artikolu 15(3) u 17 tal-Kap 276**. Ghandu jinghad li dawn il-proceduri huma soggetti ghall-principju baziku imsemmi fid-Decizjoni Kwadru tal-Kunsill dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew li jippreskrivi l-principju ta' rikonoxximent reciproku (*mutual recognition)* t'atti gudizzjarji u l-fiducja reciproka li Awtoritajiet Gudizzjarji ghandhom ikollhom fi hdan din l-Unjoni

"Madanakollu r-rikorrent issottometta li **l-artikolu 5(1)(f)** japplika biss fejn il-proceduri ghall-estradizzjoni *ghadhom* ghaddejjin u jaghmel riferenza ghall-kliem testwali ta' dan is-subartikolu, precizament fejn jinghad "*tkun qed issir kawza"* u "*action is being taken"*. Huwa jfisser dan l-argument b'referenza ghall-***Guide on Article 5 - Right to Liberty and Security***,[14] u jiccita li "*Any deprivation of liberty under the second limb of article 5-1(f) will be justified* ***only for as long as deportation or extradition proceedings are in progress."***[15] Jekk dan l-argument kellu jigi milqugh, isegwi li d-detenzjoni hija lesiva in kwantu mhix sorretta bl-eccezzjoni tal-artikolu 5(1)(f).

[14] Pubblikazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa - Divizjoni ta' Ricerka - Qorti Ewropea
[15] Nota sottomissjonijiet tar-rikorrent para 23.

"Illi l-intimat irribatta billi ghamel referenza ghall-**artikolu 21(2) tal-Kap 276** tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi li ma jsirx it-treggiegh lura fil-pendenza ta' proceduri, anke ta' indoli kostituzzjonali, intizi ghar-revoka jew estradizzjoni u sakemm dawk il-proceduri jintemmu, jew jigu rtirati jew abbandunati. Ghaldaqstant l-intimat issottometta li l-proceduri ta' estradizzjoni ma jistghux jinghadu li gew maghluqa sakemm dawk il-proceduri ghadhom ghaddejjin. Difatti mhuwiex ikkontestat li apparti l-proceduri odjerni, r-rikorret istitwixxa proceduri ohra quddiem din il-Qorti fl-istess kompetenza kostituzzjonali izda kif diversament ippresjeduta (Rik.Kost.23/2016 - JPG - *Spiteri v l-Avukat Generali).*

"Il-Qorti taqbel ma' din l-interpretazzjoni. Illum ir-rikorrent jinsab detenut in segwitu ta' ordni legalment mahruga minn Qorti f'Malta izda t-treggiegh lura huwa sospiz proprju ghaliex istitwixxa proceduri quddiem diversi Qrati biex jimpunja dik l-ordni ta ' estradizzjoni. Ma jirrizultax mill-atti, u lanqas mill-argumenti sollevati li l-Istat qed jistultifika l-estradizzjoni. Kif gie ritenut mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea fil-kaz **A and Others v the United Kingdom"**[16] b'riferenza ghall-frazi succitata "*If such proceedings are not prosecuted with due diligence, the detention will cease to be permissible under Article 5 § 1 (f)."* Ghaldaqstant hija tal-fehma li z-zamma tar-rikorrent sar u ghadu jsir bl-iskop ta' deportazzjoni fejn l-Istat ghad ghandu l-hsieb li jesegwixxi l-estradizzjoni ordnata mill-Qrati Rimandanti.Ghaldaqstant id-detenzjoni hija *with a view to deportation* (ECtHR - **James, Wells and Lee v the United Kingdom**[17] citat *post).*

"**Ghalhekk il-kaz ghandu jigi mistharreg fl-ambitu tal-legalita' tad-detenzjoni b'riferenza ghad-detenzjoni mandatarja imposta mill-artikoli 15(3) u 17 tal-Kap 276 tal-Ligijiet ta' Malta.**

"Dwar dan il-punt, il-Qorti tirrileva li minn qari tal-gurisprudenza u tal-kummentarji dottrinali in materja, ma jirrizultax li fl-istharrig ta' kazijiet li jinvolvu d-deportazzjoni jew l-estradizzjoni hemm dritt ghall-helsien mill-arrest kontrarjament ghall-kazijiet taht is-subinciz 5(1)(c) u 5(3) tal-Konvenzjoni. Id-dritt sancit huwa ghar-revizjoni tal-legalita' tad-detenzjoni li hija haga differenti.

"Dan premess il-Qorti ser tghaddi biex tezamina l-legalita' tad-detenzjoni fil-kuntest tal-artikolu 5(1)(f) tal-Konvenzjoni kif sollevat mill-Avukat Generali, proprju ghaliex jekk dan is-subartikolu ma japplikax, allura d-detenzjoni tar-rikorrent tkun wahda illegali.

"Illi fil-kaz **Chalal v UK (GC**[18]**)** l-Qorti enuncjat il-principji applikabbli:

> ""*112. The Court recalls that it is not in dispute that Mr Chahal has been detained "with a view to deportation" within the meaning of*

[16] Deciz fid-19 ta' Frar 2009 App.Nru 3455/05
[17] Para 195.
[18] 15 ta' Novembru 1996 - Application no. 22414/93

*Article 5 para. 1 (f) (art. 5-1-f) (see paragraph 109 above). Article 5 para. 1 (f) (art. 5-1-f) does not demand that the detention of a person against whom action is being taken with a view to deportation be reasonably considered necessary, for example to prevent his committing an offence or fleeing; in this respect Article 5 para. 1 (f) (art. 5-1-f) provides a different level of protection from Article 5 para. 1 (c) (art. 5-1-c).*

"*Indeed, all that is required under this provision (art. 5-1-f) is that "action is being taken with a view to deportation". It is therefore immaterial, for the purposes of Article 5 para. 1 (f) (art. 5-1-f), whether the underlying decision to expel can be justified under national or Convention law.*

"*113. The Court recalls, however, that any deprivation of liberty under Article 5 para. 1 (f) (art. 5-1-f) will be justified only for as long as deportation proceedings are in progress. If such proceedings are not prosecuted with due diligence, the detention will cease to be permissible under Article 5 para. 1 (f) (art. 5-1-f) (see the **Quinn v. France** judgment of 22 March 1995, Series A no. 311, p. 19, para. 48, and also the **Kolompar v. Belgium judgment** of 24 September 1992, Series A no. 235-C, p. 55, para. 36).*

"Gjaladarba l-Istat qed jinvoka **l-artikolu 5(1)(f)** tal-Konvenzjoni**,** il-Qorti ghandha tistharreg jekk id-detenzjoni huwa wiehed legali ("*lawful")* mhux biss billi jigi stabbilit jekk sar in konformita' mal-ligijiet tal-pajjiz, izda ukoll jekk jissoddisfax il-principju ta' non arbitrarjetà. Dak li hu legali jista' jkun arbitrarju u kwindi leziv. Inoltre dak li hu arbitrarju ma jiddependix minn kuncetti fissi u inflessibbli imma jigi apprezzat skont ic-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz.

"Illi fil-kaz odjern ma hemm l-ebda dubbju li d-detenzjoni huwa l-effett ta' ordni ta' Qorti bhala Qorti Rimandanti fejn l-artikoli 15 (3) u 17 tal-Kap 276 jiddisponu ghad-detenzjoni mandatarja. Kwindi d-detenzjoni hija wahda *legali.* Il-kwistjoni hija jekk hix arbitrarja.

"Hekk fil-kaz **Kakabadze and others v Georgia** [19]**,** l-ewwel gie enuncjat il-principju generali mill-Qorti Ewropea u cioe`:

"*"2. The Court reiterates that any deprivation of liberty must, in addition to falling within one of the exceptions set out in sub-paragraphs (a)-(f) of Article 5 § 1 of the Convention (see **Assanidze v. Georgia** [GC], no. 71503/01, § 170, ECHR 2004-II), be "lawful". Where the "lawfulness" of detention is in issue, the Convention refers essentially to national law and lays down the obligation to conform to the substantive and procedural rules of national law (see **Saadi v. the United Kingdom** [GC], no. 13229/03, § 67, 29 January 2008). This primarily requires any arrest or detention to have a legal basis in domestic law but also relates to the quality of the law, requiring it to be compatible with the rule of law, a concept inherent in all the Articles of the Convention (see **Stafford v. the***

[19] App.Nru. 1484/07- 2.10.2012

> ***United Kingdom*** *[GC], no. 46295/99, § 63, ECHR 2002-IV, and* ***Kafkaris v. Cyprus*** *[GC], no. 21906/04, § 116, ECHR 2008). "Quality of law" in this sense implies that where a national law authorises deprivation of liberty it must be sufficiently accessible, precise and foreseeable in its application, in order to avoid all risk of arbitrariness (see, for instance*, ***Nasrulloyev v. Russia****, no. 656/06, § 71, 11 October 2007, and* ***Mooren v. Germany*** *[GC], no. 11364/03, § 76, 9 July 2009). The standard of "lawfulness" set by the Convention thus requires that all law be sufficiently precise to allow the person – if need be, with appropriate advice – to foresee, to a degree that is reasonable in the circumstances, the consequences which a given action may entail (see* ***Baranowski v. Poland****, no. 28358/95, § 52, ECHR 2000-III).*

"Imbaghad irribadiet li:

> "*3. Compliance with national law is not, however, sufficient. Article 5 § 1 of the Convention requires in addition that any deprivation of liberty should be in keeping with the purpose of protecting the individual from arbitrariness (see* ***Bozano v. France****, 18 December 1986, § 54, Series A no. 111). It is a fundamental principle that no detention which is arbitrary can be compatible with Article 5 § 1. <u>The notion of "arbitrariness" in Article 5 § 1 extends beyond lack of conformity with national law, so that a deprivation of liberty may be lawful in terms of domestic law but still arbitrary and thus contrary to the Convention</u> (see* ***Saadi,*** *cited above, § 67). While the Court has not previously formulated a global definition as to what types of conduct on the part of the authorities might constitute "arbitrariness" for the purposes of Article 5 § 1, key principles have been developed on a case-by-case basis. Furthermore, detention will be "arbitrary" where, despite complying with the letter of national law, there has been an element of bad faith on the part of the authorities (see* ***Giorgi Nikolaishvili v. Georgia****, no. 37048/04, § 53, 13 January 2009****;*** ***Bozano,*** *cited above, § 59; and* ***Saadi,*** *cited above, § 69) or where the domestic authorities have neglected to attempt to apply the relevant legislation correctly (see* ***Benham v. the United Kingdom****, 10 June 1996, § 47, Reports of Judgments and Decisions 1996-III, and* ***Liu v. Russia****, no. 42086/05, § 82, 6 December 2007)*(enfasi ta' din il-Qorti).

"Illi kif gie spjegat fil-kaz **Saadi v United Kingdom** fuq citat

> "*"4. One general principle established in the case-law is that detention will be "arbitrary" where, despite complying with the letter of national law, there has been an element of bad faith or deception on the part of the authorities (see, for example,* ***Bozano v. France****, 18 December 1986, Series A no. 111, and* ***Čonka v. Belgium****, no. 51564/99, ECHR 2002-I). The condition that there be no arbitrariness further demands that both the order to detain and the execution of the detention must genuinely conform with the purpose of the restrictions permitted by the relevant sub-paragraph of Article 5 § 1 (see* ***Winterwerp****, cited above, § 39;* ***Bouamar v. Belgium****, 29 February 1988, § 50, Series A no. 129; and* ***O'Hara v. the United Kingdom****, no. 37555/97, § 34, ECHR 2001-X). There must in addition be some relationship between the ground of permitted deprivation of liberty*

> *relied on and the place and conditions of detention (see Bouamar, § 50, cited above; Aerts v. Belgium, 30 July 1998, § 46, Reports 1998-V; and Enhorn v. Sweden, no. 56529/00, § 42, ECHR 2005-I)."* (Ara wkoll **James, Wells and Lee v United Kingdom** ghall-trattazzjoni komprensiva ta' dan l-element ta' arbitrarjetà u proporzjonalita' fil-kuntest tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni).[20]

"Illi fil-kaz **Saadi v the United Kingdom (GC[21])** il-Qorti fissret il-kuncett ta' arbitrarjetà kif applikata ghall-kazijiet li jaqghu taht is-subinciz 5(1)(f):-

> "*" 5. To avoid being branded as arbitrary, therefore, such detention must be carried out in good faith; it must be closely connected to the purpose of preventing unauthorised entry of the person to the country; the place and conditions of detention should be appropriate, bearing in mind that "the measure is applicable not to those who have committed criminal offences but to aliens who, often fearing for their lives, have fled from their own country" (see Amuur, cited above, § 43); and the length of the detention should not exceed that reasonably required for the purpose pursued."*

"Illi din il-Qorti ma rriskontrat l-ebda minn dawn ic-cirkostanzi fil-kaz odjern. Ma hemmx dubbju, u dan gie kkonstatat anke mill-Qorti Kostituzzjonali fid-Digriet taghha tad-9 ta' Jannar 2017, li l-proceduri quddiem il-Qorti Rimandanti imxew b'mod spedit, u ma giex issuggerit li kien hemm xi malafede da parti tal-organi tal-Istat. Ghal dak li jirrigwarda n-neccesita' tad-detenzjoni, gie ritenut fil-kaz ta' **James, Wells and Lee[22]** sucitat li " *In the context of detention under Article 5 § 1 (f), the Court has indicated that as long as a person is being detained <u>with a view to deportation</u> or for the purpose of preventing an unauthorised entry, there is no requirement that the detention <u>be reasonably considered necessary</u>. However, the length of the detention should not exceed that reasonably required for the purpose pursued (see Chahal, cited above, §§ 112-113; and Saadi, cited above, §§ 72-74)."*

"Ghaldaqstant il-Qorti ma ssibx li hemm vjolazzjoni tal-**artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni** *stante* l-applikazzjoni tal-artikolu 5(1)(f) tal-Konvenzjoni.

"**L-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni.**

"Hawnhekk il-Qorti taqbel mat-tezi tal-intimat li dan is-subartikolu huwa marbut **mal-artikolu 5(1)(c)** tal-Konvenzjoni li mhuwiex applikabbli ghall-kaz in disamina. Ir-rikorrent ma giex arrestat fuq suspett li kkommetta reat imma wara ordni ta' estradizzjoni.

"Ghaldaqstant issib li ma hemmx lezjoni ta' dan is-subartikolu.

---

[20] App Nru. 25119/09, 57715/09 and 57877/09- 18.09.2012
[21] Dec. 29 ta' Jannar 2008 - App.Nru. *13229/03)*
[22] Para 195.

"**Artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni.**

"Illi din id-disposizzjoni essenzjalment tikkonsisti fir-rimedju ta' *habeas corpus* billi tiggarantixxi l-jedd ghar-rimedju effettiv u espedjenti sabiex il-validita' tad-detenzjoni u tal-kontinwita' tal-arrest tigi mistharrga kemm b'riferenza ghal-ligijiet ordinarji tal-pajjiz, kif ukoll fil-kwadru tal-protezzjoni konvenzjonali.

"Bhala punt preliminari jigi sottolineat li r-revizjoni taht dan is-subartikolu huwa indipendenti u awtonomu minn revizjoni taht is-subartikolu 5(1) tal-Konvenzjoni. Hekk kif gie ritenut fil kaz **Kolompar v Belgium:**[23]

> ""*45. The mere fact that the Court has found no breach of the requirements of paragraph 1 of Article 5 (art. 5-1) does not mean that it is dispensed from carrying out a review of compliance with paragraph 4 (art. 5-4); the two paragraphs are separate provisions and observance of the former does not necessarily entail observance of the latter (see for example the De Wilde, Ooms and Versyp v. Belgium judgment of 18 June 1971, Series A no. 12, pp. 39-40, para. 73). Moreover, the Court has consistently stressed the importance of Article 5 para. 4 (art. 5-4), in particular in extradition cases (see the Sanchez-Reisse v. Switzerland judgment of 21 October 1986, Series A no. 107, pp. 16-22, paras. 42-61)."*

"Illi r-rikorrent jikkontendi li ma jiddisponix minn rimedji ordinarji effettivi biex jitlob ir-revizjoni tal-istat ta' detenzjoni. L-intimat min-naha l-ohra, irribatta li r-rikorrent seta' jiddisponi mir-rimedju tal-**artikolu 412 B tal-Kodici Kriminali** (Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta) oltre r-rimedju Kostituzzjonali u Konvenzjonali.

"L-**Artikolu 412 B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta** jiddisponi:

> ""***412B.*** *(1) Kull min ikun jinsab taħt arrest għal reat **li dwaru** jkun qed jigi imputat jew akkużat quddiem il-Qorti tal-Magistrati u li, f 'kull stadju ieħor minbarra dak li jirreferi għalih l-artikolu 574A, jallega li l-kontinwazzjoni tad-detenzjoni tiegħu ma tkunx skont il-ligi, jista' f'kull waqt jagħmel rikors lill-qorti fejn jitlob il-ħelsien tiegħu mill-arrest. Rikors bhal dak għandu jigi appuntat għas-smigħ b'urgenza u flimkien mad-data tas-smigħ għandu jigi notifikat fl-istess jum li jsir lill-Kummissarju tal-Pulizija jew, skont il-każ, lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Avukat Generali, li jistgħu jippreżentaw risposta għalih sa mhux aktar tard mill-jum tas-smigħ......"*

"Illi r-rikorrent issottometta li dan l-artikolu mhuwiex applikabbli ghall-kaz in ezami. Din il-Qorti tikkondividi din il-posizzjoni billi r-rikorrent huwa detenut pendenti l-estradizzjoni u mhuwiex arrestat ghall-reat li dwaru qed jigi mixli quddiem il-Qrati taghna.

[23] Grand Chamber - 24 ta' Settebru 1992 (App *no. 11613/85)*

"L-intimat imbaghad jistrieh fuq ir-rimedju kostituzzjonali/konvenzjonali ghall-istharrig tal-arbitrarjetà ta' arrest u jissottometti li l-artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni ma jirrikjedix tabilfors ir-rimedju ordinarju.

"Illi l-Qorti taqbel mal-intimat li ghal dak li jirrigwarda l-firxa tar-revizjoni, r-rimedju f'Sede Kostituzzjonali jissodisfa dan ir-rekwizit anke jekk ma hemmx rimedji ordinarji a disposizzjoni tar-rikorrent. Bhala principju generali **l-artikolu 5(4) jirrikjedi li:**

""*6. Under Article 5 § 4, an arrested or detained person is entitled to bring proceedings for a review by a court bearing upon the procedural and substantive conditions which are essential for the "lawfulness" of his or her detention (see* ***Amie and Others v. Bulgaria****, no. 58149/08, § 80, 12 February 2013). The notion of "lawfulness" under Article 5 § 4 of the Convention has the same meaning as in Article 5 § 1, so that the arrested or detained person is entitled to a review of the "lawfulness" of his detention in the light not only of the requirements of domestic law, but also of the Convention, the general principles embodied therein and the aim of the restrictions permitted by Article 5 § 1 (see* ***E. v. Norway****, 29 August 1990, § 50, Series A no. 181, and* ***Louled Massoud v. Malta****, no. 24340/08, § 39, 27 July 2010; and* ***Rahmani and Dineva v. Bulgaria,*** *no. 20116/08, § 75, 10 May 2012). Article 5 § 4 does not guarantee a right to judicial review of such breadth as to empower the court, on all aspects of the case including questions of pure expediency, to substitute its own discretion for that of the decision-making authority. The review should, however, be wide enough to bear on those conditions which are essential for the lawful detention of a person according to Article 5 § 1 (see* ***S.D. v. Greece****, no. 53541/07, § 72, 11 June 2009; and* ***Popov v. France****, nos. 39472/07 and 39474/07, § 94, 19 January 2012).*

"*7. According to the Court's case-law, Article 5 § 4 refers to domestic remedies that are sufficiently certain, otherwise the requirements of accessibility and effectiveness are not fulfilled. The remedies must be made available during a person's detention with a view to that person obtaining a speedy judicial review of the lawfulness of his or her detention capable of leading, where appropriate, to his or her release (see* ***Kadem v Malta,*** *no. 55263/00, § 41, 9 January 2003 and* ***Raza v. Bulgaria,*** *no. 31465/08, § 76, 11 February 2010). Indeed, Article 5 § 4, in guaranteeing arrested or detained persons a right to bring proceedings to challenge the lawfulness of their detention, also proclaims their right, following the institution of such proceedings, to a speedy judicial decision concerning the lawfulness of that detention (see Musial v. Poland [GC], no. 24557/94, § 43, ECHR 1999-II)."*(**Aden Ahmed v Malta**[24]**).**

"Illi gie rikonoxxut mill-Qorti Ewropea li r-rimedju Kostituzzjonali jissoddisfa dan ir-rekwizit.

"Ad ezempju fil-kaz **Suso Musa v Malta**[25] il-Qorti Ewropea bdiet billi tafferma li :

[24] ECtHr - dec fil-25 ta' Lulju 2013- App.Nru. 55352/12.
[25] Dec. fit-23 ta' Lulju 2013 - App.Nru 42337/12

“*"8. The Court notes that the courts exercising constitutional jurisdiction in the Maltese legal system would have been competent to examine the lawfulness of the applicant’s detention in the light of the Convention."*

“Madanakollu huwa minnu li l-Qorti Ewropea fi skorta ta' sentenzi sabet li r-rimedju kostituzzjonali ma jissoddisfax ir-rekwizit ta' speditezza (*speediness)* li huwa essenzjali ghall-protezzjoni ta' *habeas corpus* ikkontemplat bl-artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni.

“Hekk fil-kaz sucitat ta' **Suso Musa vs Malta** gie ribadit li:

“*" However, the Court has also held on numerous occasions that constitutional proceedings in Malta are rather cumbersome for Article 5 § 4 purposes, and that lodging a constitutional application does not ensure a speedy review of the lawfulness of an applicant’s detention (see* ***Sabeur Ben Ali v. Malta,*** *no. 35892/97, § 40, 29 June 2000;* ***Kadem,*** *cited above § 53;* ***Stephens v. Malta*** *(no. 2), no. 33740/06, § 90, 21 April 2009; and Louled Massoud, cited above, § 45). Where an individual’s personal liberty is at stake, the Court has very strict standards concerning the State’s compliance with the requirement of a speedy review of the lawfulness of detention (see, for example, Kadem, cited above,§§ 44-45;* ***Rehbock v. Slovenia*** *(no. 29462/95, § 82-86, ECHR 2000-XII, where the Court considered periods of seventeen and twenty-six days excessive for deciding on the lawfulness of the applicant’s detention); and* ***Mamedova v. Russia*** *(no. 7064/05, § 96, 1 June 2006, where the length of appeal proceedings lasting, inter alia, twenty-six days, was found to be in breach of the “speediness” requirement)).* Insibu l-istess affermazzjoni fil-kaz ta' **Aden Ahmed v Malta** li mhix tant sorprendenti *stante* l-prossimita' fid-data tal-ghotja taz-zewg sentenzi.

“Illi din il-Qorti ma taqbilx mar-rikorrent li wiehed ghandu jhares *in abstracto* ghas-sitwazzjoni f'Malta imma wiehed ghandu ihares ghal dak li sehh ukoll fil-kaz tieghu. Hekk kif gie ritenut fil-kaz **Sanchez-Reisse v Switzerland [26]:**

“*"55. It remains to be established whether these periods comply with the requirement of Article 5 para. 4 (art. 5-4) that decisions be taken "speedily". In the Court’s view, this concept cannot be defined in the abstract; the matter must - as with the "reasonable time" stipulation in Article 5 para. 3 and Article 6 para. 1 (art. 5-3, art. 6-1) (see the established case-law) - be determined in the light of the circumstances of each case."* Illi f'dan il-kaz il-Qorti kompliet - "... *therefore, the period in question - twenty days at the Office and a further twenty-six days at the Federal Court - was excessive."* Ghal kuntrarju, fil-kaz ta' ***Letellier v France,***[27] l-Qorti Ewropea sabet li ma kienx hemm ksur tal-artikolu 5(4) fejn il-proceduri b'kollox damu ghaddejjin ghal 13-il xahar.

“Illi huwa l-intimat li ghandu l-onere li jissoddisfa lill-Qorti dwar il-konformita' tal-Istat mal-artikolu in mertu, u ghamel riferenza ghall-tliet

[26] ECtHR - A 107, (1986);, 9 EHRR 71
[27] Dec fis-26 ta' Gunju 1991 App Nru.12369/86

sentenzi moghtija mill-Qrati taghna fil-kompetenza kostituzzjonali taghhom u cioe`:

"***Il-Pulizija v Alexei Kostin*** (*Ref Kost.48/2011AE)*
***Philip Mifsud v Avukat Generali*** *(App.55/2014AE)*
***Sebastianno Bruno v l-Avukat Generali et*** *(App 17/2015LSO).*

"Il-Qorti zzid ma' dawn il-kaz odjern ghar-ragunijiet li ser jigu spjegati aktar 'il quddiem.

"Illi din il-Qorti hadet konjizzjoni gudizzjarja ta' dawn is-sentenzi. Fil-kaz ta' **Kostin,** jirrizulta li saret referenza kostituzzjonali f'proceduri ghall-estradizzjoni ta' Alexei Kostin fil-11 ta' Lulju 2011. Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-Sede Kostituzzjonali ddecidiet il-kaz f'Novembru 2011. Illi r-rikors kostituzzonali fil-kaz ta' **Philip Mifsud** gie pprezentat fid-29 ta' Lulju 2014, u s-sentenza inghatat fit-23 ta' Frar 2015. Ma kienx hemm appell minn dawn is-sentenzi. Il-kaz ta' **Sebastianno Bruno** giet deciza minn din il-Qorti kif attwalment presjeduta fit-3 ta' Dicembru 2015 fuq rikors intavolat fid-9 ta' Frar 2015. F'din l-ahhar kawza kien hemm differimenti fuq talba tar-rikorrent *stante* l-produzzjoni ta' xhud mill-esteru li kellu jixhed *viva voca* quddiem il-Qorti filwaqt li jirrizulta li l-kawza ta' **Mifsud** kienet wahda komplessa.

"Illi huwa pacifiku li l-kwistjoni ta' speditezza mhix assoluta in kwantu li r-responsabbilita' tar-rikorrent u l-komportament tieghu fil-proceduri tittiehed in konsiderazzjoni.

"Illi ghandu jigi senjalat ukoll l-applikazzjoni tar-*Rules of Court*[28] ghall-proceduri ta' indoli Kostituzzjonali u Konvenzjonali minn fejn jirrizulta li rikorsi simili ghandhom jigu appuntati bl-urgenza u fejn it-termini huma akkorcjati a differenza tal-proceduri quddiem il-Qrati ordinarji.

"Illi r-rikors odjern gie intavolat fl-10 ta' Mejju 2016 u appuntat ghas-17 ta' Mejju 2016. Izda inghata differiment fuq talba tad-difensur tar-rikorrent (verbal a fol 49) ghad-9 ta' Gunju 2016. F'dik id-data gie trattat rikors ghall-*interim measure* li inghata fil-21 ta' Gunju 2016 fejn il-Qorti ordnat il-helsien mill-arrest tar-rikorrent. Ghalhekk ir-revizjoni giet kompletata fi tnax-il gurnata mill-ewwel dehra. Il-kawza kienet giet differita ghat-trattazzjoni finali in mertu izda fuq talba tal-Avukat Generali, l-proceduri gew sospizi pendenti decizjoni fuq l-*interim measure.* Eventwalment dan id-digriet gie revokat *contrario imperio* fil-15 ta' Dicembru 2016 u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum, il-31 ta' Jannar 2017. Ghandu jinghad ukoll li fil-mori l-Qorti Kostituzzjonali rrevokat d-digriet ta' din il-Qorti tal-21 ta' Gunju 2016 b'Digriet tad-9 ta' Jannar 2017 u r-rikorrent ghaldqstant rega' gie detenut minn dik id-data sallum.

[28] S.L.12.09

“Illi r-rikorrent ccita l-kaz ta' **Dougoz v Greece** deciza fis-6 ta' Marzu 2002. Izda f'dan il-kaz il-Qorti Ewropea sabet li r-rikors sar lill-Ministru tal-Gustizzja ghall-helsien u dan ma kienx jissoddisfa r-rekwiziti procedurali tal-**artikolu 5(4) tal-Konvenzjoni.** Ghalhekk din is-sentenza mhix rilevanti ghall-konsiderazzjonijiet odjerni.

“Ikkonsidrat li ma jirrizultax li l-komportament tal-Istat istultifika l-procedimenti imsemmija. Anzi l-Avukat Generali osserva t-termini ferm akkorcjati f'kull stadju tal-kaz. Fil-kaz ta' **Aden Ahmed** gie nnotat li "*9. To sum up, the Government have not submitted any information or case-law capable of casting doubt on the Court’s prior conclusions as to the effectiveness of this remedy. In these circumstances, the Court remains of the view that, in the Maltese system, pursuing a constitutional application would not have provided the applicant with a speedy review of the lawfulness of her detention."*

“Illi din il-Qorti *"begs to differ."*

“B'differenza ma' dak li sehh f'dak il-kaz, l-Avukat Generali ssottometta riferenzi ghall-kazijiet imsemmija. B'differenza mal-apprezzament tal-Qorti Ewropea, din il-Qorti tifhem li l-urgenza hija *d-default setting* ta' kawzi Kostituzzjonali bl-applikazzjoni tar-regoli procedurali tar-*Rules of Court* u hekk ghandu jkun. Fil-kaz odjern, ir-rikorrent gie mehlus *ad interim* sakemm gie revokat l-ordni ta' *interim relief* fid-9 ta' Jannar 2017. F'kull kawza ta' natura kostituzzjonali r-rikorrent stess jista' jinsisti ghall-urgenza u l-Qrati huma marbutin u anke ben konsapevoli tal-obbligazzjonijiet procedurali taghhom izda dan ukoll jiddependi skont ic-cirkostanzi tal-kaz.

“Il-Qorti ghalhekk issib li din il-lanjanza mhix fondata u qed tigi michuda.

“**Artikolu 13 tal-Konvenzjoni.**

“Illi l-**Artikolu 13 tal-Konvenzjoni** jiddisponi :

> “*"Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu kontemplati f’din il-Konvenzjoni għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali għalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jagixxu f’kariga uffiċjali."*

“Kif gie ribadit mill-ECtHR fil-kaz **Kudla v Poland**[29]**:**

> “"152....*The object of Article 13, as emerges from the travaux préparatoires (see the Collected Edition of the “Travaux Préparatoires” of the European Convention on Human Rights, Vol. II, pp. 485 and 490, and Vol. III, p. 651), is to provide a means whereby individuals can obtain relief at national level for violations of their Convention*

[29] 16 ta' Ottubru 2000 (App. no. 30210/96)

*rights before having to set in motion the international machinery of complaint before the Court......*

"Hekk ad ezempju fil-kaz **Klass v Germany**[30] il-Qorti Ewropea spjegat :

""*...Article 13 requires that where an individual considers himself to have been prejudiced by a measure allegedly in breach of the Convention, he should have a remedy before a national authority in order both to have his claim decided and, if appropriate, to obtain redress. Thus Article 13 must be interpreted as guaranteeing an effective remedy before a national authority to everyone who claims that his rights and freedoms under the Convention have been violated".*

"L-awturi **Jacobs & White and Ovey,** fil-ktieb "*European Convention on Human Rights* ", (3.ed) jghidu li: "*Article 13 offers a measure of respect for national procedural autonomy; this refers to the ability of each Contracting State to determine the form of remedies offered to meet its obligations under the article....National procedural autonomy does not however, extend to the very existence of a remedy, since Article 13 requires that there is an effective remedy to enforce the substance of the Convention rights in the national legal order."*

"Fid-decizjoni recenti tal-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea fil-kaz ***Centre for Legal Resources on behalf of Valentin Câmpeanu v. Romania*** [GC][31] moghti fis-17 ta' Lulju 2014 dawn il-principji ingabru fis-segwenti :

"*"Article 13 of the Convention guarantees the availability at the national level of a remedy to enforce the substance of the Convention rights and freedoms in whatever form they might happen to be secured in the domestic legal order. The effect of Article 13 is thus to require the provision of a domestic remedy to deal with the substance of an "arguable complaint" under the Convention and to grant appropriate relief, although Contracting States are afforded some discretion as to the manner in which they conform to their Convention obligations under this provision. The scope of the obligation under Article 13 varies depending on the nature of the applicant's complaint under the Convention. Nevertheless the remedy required by Article 13 must be "effective" in practice as well as in law. In particular, its exercise must not be unjustifiably hindered by the acts or omissions of the authorities of the respondent State (see Paul and Audrey Edwards v. the United Kingdom, no. 46477/99, §§ 96-97, ECHR 2002-II).*[32]"

"Illi fil-kaz odjern ma jistax jinghad li r-rikorrent ghandu *arguable complaint* in kwantu qed jsostni li ghandu dritt ghall-helsien mill-arrest b'mod awtomatiku u mhux skont il-qafas tal-**artikolu 5(1)(f) tal-Konvenzjoni**. Madanakollu ghandu dritt ghar-revizjoni skont **l-**

[30] A 28 (1979);2EHRR214 para 4 PC
[31] App Nru 47848/08
[32] Para 148.

**artikolu 5(4)** tal-istess u ghal dan gie meqjus li ghandu rimedju effettiv permezz ta' proceduri quddiem il-Qrati fil-gurisdizzjoni kostituzzonali u konvenzjonali taghhom.

“**Ghaldaqstant il-Qorti ma ssibx vjolazzjoni tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni.**

“Ghal dawn il-motivi l-Qorti ser tghaddi biex tichad it-talbiet in kwantu infondati fil-fatt u fid-dritt”.

L-Appell

6. Ir-rikorrent jibbaza l-appell tieghu fuq seba’ aggravji li jistghu jigu sintetizzati hekk: [1] illi l-ewwel Qorti zbaljat fl-apprezzament taghha tal-ilment kostituzzjonali fir-rigward tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni; [2] illi l-premessi li ghamlet l-ewwel Qorti qabel ma dahlet fil-mertu tal-Artikolu 5 huma irrelevanti u jpingu l-fatt barra mill-kuntest realistiku tieghu; [3] illi ghalkemm l-ewwel Qorti ghamlet accenn ghall-fatt illi l-eccezzjonijiet taht is-subartikolu 5(1) (a)-(f) ghandhom jinghataw interpretazzjoni restrittiva, hija tat interpretazzjoni wiesgha hafna ghac-cirkostanzi odjerni; [4] li fil-fatt id-detenzjoni tieghu ma tinkwadrax ruhha fit-termini stabbiliti taht l-Artikolu 5(1)(f) eccepit mill-appellat; [5] illi l-ewwel Qorti kellha ssib arbitrarjeta` f’ligi li timponi detenzjoni indefinittiva *across the board* minghajr ebda opportunita` ta’ stharrig; [6] li r-rimedju propost mill-ewwel Qorti taht l-Artikolu 5(4) mhux effettiv; [7] li l-ewwel Qorti kellha ssib nuqqas ta’ rimedju xieraq u effettiv ai finijiet tal-Artikolu 13.

7. Ghalhekk ir-rikorrent jitlob li din il-Qorti sabiex joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata fejn dina cahdet l-ewwel eccezzjoni

tal-Avukat Generali, izda tirrevokaha u thassarha billi tichad l-eccezzjonijiet imressqa mill-appellat u tilqa' t-talbiet kollha tal-appellant.

8. Da parti tieghu l-intimat, ghar-ragunijiet minnu premessi, jissottometti illi l-appell tar-rikorrent ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

<u>L-Aggravji</u>

*L-Ewwel Aggravju*

9. Din il-Qorti tosserva li b'dan l-aggravju, ir-rikorrent qieghed jilmenta li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat dwar l-applikabbilità o meno tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghal kaz in dizamina. Jghid li dik il-Qorti naqset milli tapprezza li fil-kawza odjerna mhumiex qed jigu attakkati l-proceduri ta' estradizzjoni izda qed tigi akktakata l-ligi tal-estradizzjoni in kwantu din taghmilha mandatorja ghall-qorti rimandanti li pendenti dawn il-proceduri r-rikorrent ghandu jinzamm detenut ghall-fini tat-treggigh lura.[33] Jissenjala li, ghalkemm huwa minnu li l-proceduri ta' estradizzjoni jaqghu barra mill-parametri tal-applikazzjoni tal-Artikolu 6, l-istess ma jistax jinghad a rigward tal-ligi nnifisha, li tichad id-dritt ta' access ghal qorti sabiex tigi mistharga d-detenzjoni tieghu.

[33] Art.17 tal-Kap.276

10. Huwa jkompli jfisser hekk dan l-aggravju:

> "Ghalkemm huwa minnu li l-proceduri ta' estradizzjoni jaqghu barra mill-parametri tal-applikazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, l-istess ma jistghax jinghad ghar-rigward tal-ligi dwar l-estradizzjoni. Tali ligi ma tistghux tikser l-Artikolu 6 fis-sens illi ma tistghax tichad id-dritt ghal access li qorti sabiex jigi mistharga d-detenzjoni [tar-rikorrent]. Huwa f'dan is-sens li [ir-rikorrent] qed jinvoka l-Artikolu 6, u mhux fil-kuntest tal-proceduri tal-estradizzjoni
>
> ………………………….. omissis ……………………………….
>
> "Illi bla pregudizzju ghas-suespost u in linea sussidjarja, l-appellant jissottometti li ghalkemm huwa minnu li l-proceduri ta' estradizzjoni fihom infushom ma jiddeterminawx *'a criminal charge'* kif kontemplat mill-artikolu [Art.6], peress li f'dan il-kaz l-esponent huwa rikjest mill-Litwanja fi stadju invetigattiv u ghalhekk fil-*pre trial* stage, ma hemm ebda dubju li dawn il-proceduri ta' estradizzjoni partikolari huma stadju inizjali li permezz tieghu, l-awtoritajiet kompeteneti jistghu jwasslu ghad-determinazzjoni ta' *'a criminal charge'*".

11. Fl-ewwel lok, din il-Qorti tosserva li ma taqbilx mar-rikorrent illi l-proceduri ta' estradizzjoni huma stadju inizjali li jistghu jwasslu ghal determinazzjoni ta' akkuza kriminali. Fir-rigward hija opportuna l-osservazzjoni, b'referenza ghall-kazistika tal-Qorti Ewropea, maghmula minn din il-Qorti fil-kaz **Ronald Agius v. Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija** deciz fit-30 ta' Novembru 2001 li:

> "…..At the outset it is important to note the constant jurisprudence of the Strasbourg organs taht the decision to deport a person does "non involve a determination of a civil right and obligation or of a criminal charge against him" within the meaning of article 6 of the Convention".

12. Fit-tieni lok, tosserva li dak li qieghed jikkontesta r-rikorrenti permezz ta' dan l-aggravju mhumiex il-proceduri gudizzjarji li wasslu ghall-konferma tal-ordni tal-estradizzjoni tieghu, izda l-kustodja

mandatorja imposta mil-ligi u li timpedih milli jadixxi lill-Qorti sabiex tistharreg id-detenzjoni tieghu, wara li l-Qorti, kemm in prim istanza, kif ukoll fl-appell, sabet li jezistu ragunijiet bizzejjed sabiex huwa jigi estradit ghall-iskopijiet ta' investigazzjoni kriminali. Huwa jsostni li dan jammonta ghac-cahda tad-dritt tieghu ghal access ghal qorti biex jikkontesta d-detenzjoni tieghu u ghalhekk jikkozza mal-Artikolu 6.

13. Din il-Qorti tissenjala l-fatt li l-proceduri odjerni ma jistghux jitqiesu bhala *pre-trial stage* ta' xi proceduri kriminali li jistghu eventwalment jittiehdu mill-istat rikjedenti fil-konfront tar-rikorrent stante li l-ghan taghhom mhuwiex li jinizzjaw proceduri li jistghu jwasslu ghad-determinazzjoni ta' jekk tinharigx akkuza kriminali fil-konfront tieghu, u lanqas jistghu jitqiesu bhala proceduri investigattivi li jwasslu sabiex ir-rikorrent jigi mixli l-qorti b'akkuzi kriminali. L-ghan tal-proceduri quddiem il-qorti rimandanti huwa limitat biss ghad-deteriminazzjoni tal-vertenza jekk dik il-Qorti ghandhiex tohrog ordni ta' estradizzjoni lejn l-istat rikjedenti li min-naha tieghu jibda jew ikompli bl-investigazzjoni li tinvolvi lir-rikorrent. Ghaldaqstant l-ewwel Qorti kienet korretta fil-konkluzjoni taghha li f'dan il-kaz ma jistax jikkonfigura lezjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

14. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

*It-Tieni Aggravju*

15. Permezz ta' dan l-aggravju, ir-rikorrent jilmenta mill-fatt illi "l-premessi" li ghamlet l-ewwel Qorti qabel ma dahlet fil-mertu tal-Artikolu 5 huma irrelevanti.

16. Fir-rigward din il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mill-intimat li, bhala regola, mhuwiex permess li jsir appell minn "osservazzjoni" kif qed jittenta jaghmel l-appellant. L-appell bhala regola ghandu jindirizza d-*decide* u mhux il-motivazzjoni jew osservazzjonijiet maghmula mill-ewwel Qorti liema osservazzjonijiet bl-ebda mod ma jincidu fuq is-sentenza finali stante li l-mertu tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni gie trattat u deciz mill-ewwel Qorti f'parti ohra tas-sentenza. Fil-fatt, dan l-aggravju jirreferi ghal dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti kienet qed tindirizza l-eccezzjoni tal-esponenti dwar in-nuqqas ta' applikabbilita` tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghall-proceduri odjemi.

17. Ghaldaqstant din il-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni aktar ta' dan l-aggravju.

*It-Tielet u r-Raba' Aggravju*

18. Fit-tielet aggravju, ir-rikorrent jilmenta mill-interpretazzjoni tal-Artikolu 5(1)(f) u jirreferi ghal pagna 38 tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti tghid:

> "Madankollu taqbel mal-Avukat Generali li dan id-dritt mhuwiex wiehed assolut in kwantu l-istess artikolu jelenka l-eccezzjonijiet taht subartikolu l(a)-(f) liema artikolu huma numerus clausus li ghandhom jinghataw interpretazzjni restrittiva u ma jistghux jigu estizi ghall-kazijiet li mhumiex hemm ikkontemplati".

19. Jghid Ii l-intimat iressaq l-eccezzjoni li l-kaz tieghu kien jinkwadra ruhu fic-cirkostanzi surreferiti peress illi skont hu, il-proceduri ta' estradizzjoni ghadhom ma nghalqux. Sabiex sitwazzjoni ta' deprivazzjoni tal-liberta` taqa' taht il-paragrafu (f) tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni jehtieg illi l-proceduri ghall-estradizzjoni tal-persuna jkunu ghadhom ghaddejjin. Dan johrog mill-kliem uzat mil-ligi fil-paragrafu [f] li huwa applikabbli fejn "tkun qed issir kawza" [fit-test ingliz: "action is being taken"]. Dan il-paragrafu bhala wiehed fost l-eccezzjonijiet elenkati fl-Artikolu 5 [1] tal-Konvenzjoni ghandu jinghata interpretazzjoni restrittiva u m'ghandux jigi interpretat f'sens li jmur oltre minn dak li tghid il-Konvenzjoni. Ghalhekk l-interpretazzjoni ta' din l-eccezzjoni m'ghandhiex titwessa b'mod li tinkludi cirkostanzi bhal dawk in dizamina fejn il-proceduri jew il-kawza [tal-estradizzjoni] huma maghluqin u hemm ordni ta' treggija fil-konfront tieghu.

20. Ir-rikorrent ikompli jfisser hekk dan l-aggravju:

> "…Fil-fatt jekk wiehed jikkonsidra l-argument tal-Avukat Generali, li l-fatt li hemm procedura kostituzzjonali li qeghda tattakka l-ordni tat-treggigh lura, dan ifisser li l-prcoeduri m'humiex maghluqa, dan iwassal sabiex jista' jigi kkunsidrat illi ebda procedura rna tista' tigi ddikjarata maghluqa. Dan huwa ghaliex, ma hemm ebda terminu ta' preskrizzjoni fuq azzjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali, u diment

allura li kawza kostituzzjonali tkompli mal-kawza principali, skont l-Avukat Generali, u din tista' ssir ghoxrin, tletin, erbghin (u piu) sena wara sentenza ta' Qorti tal-Appell, allura dawk il-proceduri jibqghu miftuhin *in eternum*. Zgur illi din ma kinitx l-intenzjoni tal-legislatur meta gew introdotti l-ligijiet fuq id-drittijiet fondamentali tal-bniedem. Ir-ragunar tal-Avukat Generali ihalli lil wiehed jahseb ukoll li, jekk proceduri ma jitqiesux maghluqin sakemm l-effett taghhom ma jsehhx, allura proceduri kriminali huma kollha miftuhin sakemm il-kundannat jiskatta zmienu l-habs? Allura procedura civili ghadha miftuha jekk id-debitur ma jhallas? U jekk id-debitur jallega ksur tas-smiegh xieraq? Dan ifisser illi dawk il-proceduri qatt ma nghalqu? Allura kull kawza kostituzzjonali hija kontinwazzjoni tal-kawza originali? L-esponent jishaq assolutament u kategorikament illi le u din l-Onorabbli Qorti ghandha d-dmir illi tikkoregi l-precedent serju u inkwetanti li holqot l-Ewwel Qorti bil-pronunzjament taghha li b'kawza kostituzzjonali baqghu miftuhin il-proceduri ta' estradizzjoni.

"Illi fil-fatt, il-kwistjonijiet kollha li setghu tressqu matul il-proceduri ta' estradizzjoni, tressqu quddiem l-Qrati kompetenti sabiex jisimghu l-istess kwistjonijiet, cioe, il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Rimandanti u l-Qorti tal-Appell Kriminali. L-analizi legali saru u gew konkluzi f'dawk il-fora u eventwalment inghatat sentenza *res judicata* mill-Qorti tal-Appell Kriminali li kkonfermat l-estradizzjoni ta' l-appellant …..

"Illi huwa minnu li l-Kap 276 jikkontempla proceduri kostituzzjonali li jisthargu jekk l- estradizzjoni ta' persuna tista' twassal ghall-ksur tad-drittijiet fundamentali taghha izda l-opportunita li persuna tressaq kwistjoni kostituzzjonali quddiem il-Qrati b'setgha kostituzzjonali tezisti indipendentement mid-disposizzjonijiet tal-Kap 276; anke li kieku l-Kap. 276 ma kienx espressament jipprovdi ghal proceduri kostituzzjonali, dawn setghu jigu ezawriti u b'hekk ma jistghax jinghad semplicement ghaliex l-att innifsu jipprovdi ghal rimedju kostituzzjonali kontra ordni ta' treggigh lura, li l-proceduri t' estradizzjoni ma gewx maghluqa ghaliex ghada ma saritx l-estradizzjoni.

"Illi dan kollu jwassal lill-esponent sabiex jissottometti li ghalkemm l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamelt accenn ghall-fatt illi l-artikolu 5(1)(f) ghandu jinghata interpretazzjoni ristrettiva, hija kompletament injorat il-fatt li kellha quddiemha procduri li ntemmew b'res judicata sabiex stqarret illi l-proceduri ta' estradizzjoni kienu ghadhom ma ntemmewx".

21. L-Avukat Generali jwiegeb ghal dan l-aggravju billi jghid li, kif osservat l-ewwel Qorti d-dritt protett bl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni mhuwiex wiehed assolut u ghalhekk l-istess artikolu jistipola l-

eccezzjonijiet ghal dan id-dritt u, fil-paragrafu (f) insibu li tali dritt jista' jigi limitat jekk "*l-arrest jew id-detenzjoni skont il-ligi ta'persuna biex jigi evitat li tidhol minghajr awtorita' fil-pajjiz jew ta ' persuna li kontra taghha tkun qed issir kawza ghad deportazzjoni jew ghall-estradizzjoni*". Fil-kaz odjern, id-detenzjoni tal-appellant, kif ben osservat l-ewwel Qorti, kienet tinkwadra ruhha perfettament taht il-paragrafu (f) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni u dan peress li l-arrest tar-rikorrent sehh "*fil-kuntest ta' proceduri ta' estradizzjoni*" kontra r-rikorrent.

22. Jirrileva li l-punt ta' tluq huwa li in konfront tal-appellant hemm ordni ta' treggiegh lura konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali u li ghadha ma gietx ezegwita pendenti l-proceduri kostituzzjonali istitwiti mill-appellant. Huwa jiccita mill-ktieb *Law of the European Convention on Human Rights* tal-awturi Harris, O'Boyle & Warbrick fejn jinghad:

> ''The Court regards as irrelevant, for the purposes of Article 5 (1) (f), arguments to the effect taht, on its facts, the underlying decision to expel the applicant cannot be justified under national or Convention law though, of course, there must be a lawful basis for the detention itself. Detention may be justified by Article 5 (1) (f) even though a formal request or an order for extradition has not been issued, provided taht enquiries have been made, since the enquiries amount to 'action ' being taken in the sense of taht provision. Likewise, detention may be within Article 5 (1) (f) even though deportation or extradition does not in fact occur. If it not necessary taht the detention itself is warranted on its facts in terms of whether it is reasonably considered necessary for example to prevent the applicant fleeing or committing a further offence. However, if there is no actual intention to deport or extradite the individual concerned there will be a violation of Article 5 (1), moreover even if such an intention exists there may be a violation if deportation is not possible for legal or other reasons since the provision only permits detention when 'action is being taken with a view to deportation'. Hence continuing loss of liberty under Article 5 (1) (f) will only be justified for as long as deportation or

> extradition proceedings are in progress. Further, such proceedings must be prosecuted with ‘due diligence' otherwise the duration of the deportation proceedings will be considered ‘excessive’. Accordingly, the Court will examine the record of legal proceedings before the domestic authorities (looking at phases of detention individually but also in combination) in the light of a ‘due diligence ’ test. Here the conduct of the applicant — who might delay proceedings - as well as taht of the authorities, is taken into account and there is no absolute limit to the time taht proceedings may last. The test is one of diligence appropriate to the circumstances, although for long periods of detention the Court will consider whether there existed sufficient guarantees to safeguard against arbitrary executive decisions to keep an individual in detention”.

23. Jirrileva li l-ewwel Qorti kienet korretta meta kkonkludiet li l-eccezzjoni mahsuba fil-paragrafu (f) tas-subartikolu(l) tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni tapplika ghal kaz odjern. Ir-rekwiziti li jimponi l-Artikolu 5 (1) (f) tal-Konvenzjoni sabiex detenzjoni tkun konsidrata bhala in linea mal-harsien tad-drittijiet fundamentali huma li (a) id-detenzjoni ghandha tkun wahda legali; (b) b’intenzjoni li l-persuna tigi estradita; u (c) il-proceduri ta’ estradizzjoni jitmexxew b’diligenza. L-argument ewlieni tal-appellant huwa li l-proceduri ta’ estradizzjoni jinsabu maghluqa bil-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali. L-intimat jissottometti li l-Artikolu 21 (2) tal-Kap. 276 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi li t-treggiegh lura ta’ persuna ma ghandux isir sakemm jintemmu l-procedimenti li ghandhom il-potenzjal li jwasslu ghar-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni tal-qorti biex tigi mibghuta lura dik il-persuna. Kienet ghalhekk korretta l-ewwel Qorti meta osservat illi t-treggiegh lura tal-appellant jinsab sospiz pendenti l-ezitu tal-proceduri quddiem il-Qrati nostrana fejn qed tintalab l-impunjazzjoni tal-ordni ta’ estradizzjoni.

24. Jghid ukoll li ma hemmx dubbju li d-detenzjoni tal-appellant hija wahda legali u dan stante li saret abbazi tal-Artikolu 15 (3) u l-Artikolu 17 tal-Kap. 276 tal-Ligijiet ta' Malta u li tali detenzjoni mhijiex wahda arbitrarja bil-konsegwenza li l-ewwel rekwizit huwa sodisfatt. It-tieni rekwizit huwa li l-intenzjoni li l-persuna titregga lura tkun ghadha tissussisti. Dina l-intenzjoni ghadha tissussisti u ma gietx ezegwita peress li l-appellant intavola proceduri kostituzzjonali skont l-Att dwar l-Estradizzjoni. Kif ben osservat l-ewwel Qorti, il-proceduri kemm quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Rimandanti, kemm dawk quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali kif ukoll quddiem il-Qrati ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali tmexxew b'diligenza bil-konsegwenza li anke dan ir-rekwizit jinsab pjenement sodisfatt. Fl-appell in risposta, l-appellant jargumenta biss li l-paragrafu (f) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni ghandu jinghata applikazzjoni restrittiva u dina l-applikazzjoni restrittiva skont ir-rikorrent ghandha tkun ristretta ghall-proceduri quddiem il-Qrati Rimandanti u cioe` b'mod izolat u barra mill-kuntest tal-Att dwar l-Estradizzjoni. L-intimat jissottometti li gia ladarba l-Artikolu 21 (2) tal-Att dwar l-Estradizzjoni jahseb ghall-intavolar ta' proceduri kostituzzjonali sabiex tigi attakkata ordni ta' treggiegh lura dan ifisser li l-procedura tat-treggiegh lura ghadha mhijiex maghluqa.

25. Permezz tar-raba' aggravju, ir-rikorrenti jilmenta illi d-detenzjoni tieghu ma tinkwadrax fit-termini tal-Artikolu 5(1)(f) u dan ghaliex il-

proceduri ghal estradizzjoni nghalqu. Jghid illi din il-Qorti ghandha tikkonsidra wkoll illi l-esponent qieghed jistenna li jkollu sentenza fil-kawza 23/2016 JPG f'April jew Mejju, jigifieri iktar minn sena wara li l-kawza giet intavolata, u dan apparti kwalsiasi appell.

26. L-Avukat Generali jwiegeb ghal dan l-aggravju billi jirrileva li huwa fis-sustanza tieghu ripetizzjoni tal-aggravju precedenti u jissottometti wkoll li gia ladarba r-rekwiziti imposti mill-eccezzjoni li jinsabu fl-Artikolu 5 (1) (f) tal-Konvenzjoni huma sodisfatti, l-argumenti tar-rikorrent ma jregux.

27. Fil-<u>hames aggravju</u> tieghu r-rikorrent jilmenta minn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti ma sabitx arbitrarjetà f'ligi li timponi detenzjoni indefinittiva across the board minghajr ebda opportunità ta' stharrig. Jissenjala li kif osservat mill-Qorti Ewropea fil-kaz **Saadi v. United Kingdom** iccitat fis-sentenza appellata, sabiex id-detenzjoni tkun konformi mal-konvenzjoni trid tissodisfa mhux biss il-kriterji tal-bona fidi, li d-detenzjoni tkun bi skop tal-estradizzjoni u li l-post u kondizzjonijiet tad-detenzjoni jkunu "appropriate", imma wkoll trid tissodisfa l-kriterju tat-tul taz-zmien tad-detenzjoni li "should not exceed that reasonably required for the purpose pursued".

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

28. Din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni li, ghalkemm huwa minnu li d-disposizzjoni konvenzjonali kontenuta fil-paragrafu [f] hija eccezzjoni ghar-regola generali kontenuta fl-Artikolu 5 [1], din pero` ghandha tinghata t-tifsira moghtija mill-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea u, stante li l-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta kien intiz sabiex jimplimenta konvenzjoni internazzjonali, it-test Malti ghandu jiftiehem u jigi interpretat fis-sens tat-test Ingliz li huwa t-test originali tal-Konvenzjoni. Fir-rigward hija opportuna l-osservazzjoni maghmula minn din il-Qorti, diversament presjeduta fis-sentenza moghtija fil-kawza **Raymond Gilford v. Direttur tar-Registru Pubbliku**[34] li "Il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ghandha tinghata attenzjoni u piz meta si tratta ta' applikazzjoni u interpretazzjoni tal-Konvenzjoni li holqot il-gurisdizzjoni tal-istess Qorti *[ara Q.Kos. Aquilina vs Kummissarju tal-Pulizija, 13 Gunju 1994]*".

29. Ir-rikorrent jissottometti li skont it-test Malti tal-Konvenzjoni, sabiex id-detenzjoni tkun taqa' fl-ambitu tal-Artikolu 5[1] [f], jehtieg li "*tkun qed issir kawza*" u allura, ladarba l-proceduri gudizzjarji tal-estradizzjoni gew konkluzi bl-ghoti tal-ordni, dan l-artikolu tal-ligi mhux aktar applikabbli. Dan l-argument huwa legalment insostenibbli stante li t-test Ingliz juza l-kliem "*action is being taken*". Dan, skont id-duttrina u

[34] Vol.LXXXV.I.227

l-kazistika tal-Qorti Ewropea, gie interpretat li jkopri l-process kollu tal-estradizzjoni, u mhuwiex limitat ghall-proceduri gudizzjarji li wasslu ghad-decizjoni tal-hrug tal-ordni.

30. Konformament mal-premess, il-Qorti tosserva li l-fatt li ttiehdet decizjoni fis-sens li l-persuna ghandha tigi estradita ma jfissirx li b'daqshekk il-proceduri ta' estradizzjoni gew konkjuzi, ghax il-proceduri ta' estradizzjoni jigu konkjuzi mhux bid-decizjoni tal-qrati izda bir-ritorn tal-individwu lejn il-pajjiz rikjedenti, jew bil-fatt li jigi *discharged*. Il-fatt li l-persuna tinsab detenuta bil-hsieb li tigi ritornata lejn il-pajjiz rikjedent ifisser li ghadha ghaddeja bl-"l-azzjoni" bi hsieb li dik il-persuna tigi estradita.

31. Fid-dawl tal-premess din il-Qorti tissenjala li l-Artikolu 5(1)(f) hu applikabbli malli tittiehed azzjoni "action" mill-Istat sabiex persuna tigi estradita u jibqa' hekk applikabbli sakemm dik il-persuna tkun effettivament estradita, jew tigi mehlusa, soggett dejjem ghar-rekwizit li l-process shih ikun sar bid-diligenza li tkun ragjonevoli fic-cirkostanzi tal-kaz.

32. Fil-<u>hames aggravju</u> r-rikorrent jilmenta li l-ewwel Qorti ma sabitx arbitrarjetà fil-ligi li timponi detenzjoni indefenita *across the board* minghajr ebda opportunità ta' stharrig. Hu jaghmel referenza ghal dik il-

parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti ghamlet referenza ghall-kaz **Saadi v. United Kingdom**, li stabbiliet li wiehed mill-fatturi li jiddetermina jekk azzjoni hijiex wahda arbitrarja jew le huwa l-perijodu tad-detenzjoni li, skont dik is-sentenza, "*should not exceed that reasonably requried for the purpose pursued*".

33. Ir-rikorrent ikompli jfisser hekk dan l-aggravju:

> "....L-Ewwel Onorabbli Qorti tat lill-esponent opportunita' tad-deheb sabiex jipprova li l-ezekuzzjoni tad-detenzjoni m' hijiex konformi mar-ragunijiet li ghalihom huwa detenut u cioe' sabiex jigi zgurat illi jintbaghat lura l-Litwania. Dana billi, matul is-sitt xhur li dam mehlus, l-esponent ma harabx. Obda kull kundizzjoni li kellu fuq il-helsien tieghu u attenda kull seduta tal-Qorti. Dan ghandu jkun bizzejjed prova li d-detenzjoni tieghu mhijex necessarja .... Jissottometti li ma huwiex relevanti li l-Istat ma stultifikax il-proceduri ta' estradizzjoni, diment li huwa ser jibqa' detenut ghal aktar minn sentejn. Ma jistghax jigi penalizzat talli ezawrixxa d-dritt tieghu li jipprotegi lilu nnifsu mill-possibilita' ta' ksur tal-aktar dritt sagrosant tieghu, u cioe` li ma jigix trattat b'mod inuman jew degradanti".

34. Fl-ewwel lok din il-Qorti tosserva li l-punt krucjali mhuwiex jekk id-detenzjoni tar-rikorrent hijiex necessarja jew le, izda jekk id-detenzjoni hijiex ta' persuna li kontra taghha qeghdha tittiehed azzjoni biex tigi estradita u jekk l-awtoritajiet imxewx bid-diligenza mehtiega sabiex igibu fit-tmiem tieghu l-process tal-estradizzjoni. Mill-provi rrizulta li t-twegibiet ghaz-zewg kweziti huma fl-affermattiv.

35. Fil-kaz de quo d-decizjoni gudizzjarja fuq it-talba ta' estradizzjoni inghatat fis-17 ta' Frar 2016 [xahrejn biss wara l-arrest] u l-process tal-

estradizzjoni ghadu ghaddej u qed jitwal unikament minhabba d-diversi azzjonijiet kostituzzjonali li ttiehdu mill-persuna rikjesta, li kollha gew u qed jigu processati fi zmien ragonevoli. Il-fatt li r-rikorrent ghazel li jibda proceduri kostituzzjonali biex jikkontesta l-kostituzzjonalità tal-estradizzjoni tieghu, liema proceduri skont il-ligi jissospendu r-ritorn tieghu lejn il-pajjiz rikjedent, ifisser li l-persuna rikjesta qieghda tirrezisti milli tintbaghat l-Litwanja bir-rizultat li l-ezekuzzjoni tal-ordni tal-estradizzjoni tinsab sospiza u ghalhekk il-process tal-estradizzjoni ghadu ma nghalaqx. Fir-rigward huwa ferm relevanti dak osservat mill-Qorti Ewropea fil-kaz **Kolompar v. Belgium**[35] fejn il-Qorti Ewropea ddecidiet li t-tul taz-zmien li ha l-process tal-estradizzjoni kien attribwibbli unikament ghall-agir tal-applikant u ghalhekk ma kienx hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 5 [1] tal-Konvenzjoni:

> “40. The Court notes that the period spent in detention pending extradition was unusually long (see paragraph 36 in fine above). However, the extradition proceedings properly so-called were completed by 2 May 1984 (see paragraph 14 above), less than one month after the decision to revoke the order remanding the applicant in custody in respect of his alleged offences in Belgium, at a time when he had not yet been tried in the Antwerp Criminal Court (see paragraph 13 above). The detention was continued as a result of the successive applications for a stay of execution or for release which Mr Kolompar lodged on 29 October 1984, 2 January 1985, 15 June 1985, 21 June 1985 and 17 September 1985 (see paragraphs 15-25 above), as well as the time which the Belgian authorities required to verify the applicant’s alibi in Denmark (see paragraphs 17 and 20 above).
>
> “41. The authorities and courts before which the case came prior to the beginning, on 17 September 1985, of the urgent application proceedings gave their decisions within a normal time (see paragraphs 15-23 above). To that extent it appears beyond doubt

[35] Appl.11613/85 deciz fl-24 Settembru 1992

> that the requirements of Article 5 para. 1 (f) (art. 5-1-f) were complied with
>
> "42. For the subsequent period (see paragraphs 24-26 above), the Court recognises the force of the Government's arguments based on Articles 751 and 748, last sub-paragraph, of the Belgian Judicial Code (see paragraph 38 above). It notes in addition that, at first instance, Mr Kolompar waited nearly three months before replying to the submissions of the Belgian State (24 December 1985 - 19 March 1986); then, on appeal, he requested that the hearing of the case be postponed and failed to notify the authorities that he was unable to pay a lawyer......
>
> "Whatever the case may be, the Belgian State cannot be held responsible for the delays to which the applicant's conduct gave rise. The latter cannot validly complain of a situation which he largely created".

36. Fid-dawl tal-premess, il-Qorti tosserva li fil-kaz odjern ma jirrizultax li kien hemm nuqqas ta' bona fidi da parti tal-awtoritajiet, baqghet tipperdura l-intenzjoni da parti taghhom sabiex jestradixxu lir-rikorrent, u d-dewmien fl-gheluq tal-proceduri m'huwiex dovut ghal xi ezercizzju arbitrarju da parti tal-Istat imma huwa dovut unikament ghall-fatt li r-rikorrent ddecieda li jirrezisti l-estradizzjoni tieghu billi jintavola proceduri kostituzzjonali. Mill-atti jirrizulta li huwa intavola zewg kawzi kostituzzjonali/konvenzjonali: il-kawza numru 23/2016JPG prezentata fit-23 ta' Frar 2006, intiza ghat-thassir tal-ordni tal-estradizzjoni abbazi tal-allegat ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni, li kienet giet deciza mill-Qorti tal-ewwel istanza fit-18 ta' Mejju 2017 u li issa tinsab fl-istadju ta' appell; u l-kawza odjerna [nru. 45/16LSO] prezentata fl-10 ta' Mejju 2016, intiza biex tikkontesta l-legalità tad-detenzjoni tieghu abbazi tal-allegat ksur tal-artikoli konvenzjonali numru 5[1], [3], [4], 6 u 13, deciza

fl-ewwel istanza fil-31 ta' Jannar 2017 u finalment deciza minn din il-Qorti llum. Jigi osservat ukoll li matul dawn l-ahhar proceduri kien inghata digriet provvizorju [interim measure] mill-ewwel Qorti fil-21 ta' Gunju 2016 li gie defenittivament deciz minn din il-Qorti fid-9 ta' Jannar 2017.

37. Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti tikkonkludi bl-osservazzjoni li d-detenzjoni tar-rikorrent tul dawn il-proceduri baqghet fil-parametri tal-Artikolu 5[1][f] tal-Konvenzjoni ghax il-process tal-estradizzjoni ghadu ghaddej u mhuwiex vjolattiv tad-dritt fundamentali tieghu protett mill-Artikolu 5[1], ghax id-dewmien fl-gheluq ta' dak il-process huwa dovut biss ghall-fatt li r-rikorrent intavola zewg kawzi kostituzzjonali separati li gew trattati u qed jigu trattati b'celerità mill-qrati rispettivi.

38. Rigward il-bran citat mir-rikorrent mill-Council Framework Decision [nru 2002/584] tat-13 ta' Gunju 2002, din il-Qorti tosserva li fil-kaz odjern il-Qorti Rimandanti kienet hadet decizjoni, fit-termini tal-Artikolu 12[36] tal-istrument fuq indikat, li jghid li "the executing judicial authority shall take a decision on whether the requested person should remain in detention". Fil-fatt dik il-Qorti kienet laqghet it-talba tar-rikorrent ghal-libertà provvizorja tul dawk il-proceduri u kien biss fl-

[36] Dan jaqra hekk: *"When a person is arrested on the basis of a European Arrest warrant, the executing judicial authority shall take a decision on whether the requested person should remain in detention, in accordance with the law of the executing Member State. The person may be released provisionally at any time in conformity with the domestic law of the executing Member State, provided that the competent authority of the said Member State takes all he measures it deems necessary to prevent the person absconding".*

gheluq taghhom li r-rikorrent kien gie ri-arrestat wara li dik il-Qorti ddecidiet li tohrog l-ordni ta' estradizzjoni.

39. Ghaldaqstant dawn l-aggravji mhumiex gustifikati u qed jigu michuda.

*Is-Sitt u s-Seba' Aggravju*

40. Dawn iz-zewg aggravji jirrigwardjaw ir-rimedju li ghandu jinghata f'kaz ta' ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni. Izda, stante li fil-kaz odjern din il-Qorti ma rriskontrat ebda vjolazzjoni konvenzjonali, mhuwiex il-kaz li tittiehed konjizzjoni ulterjuri taghhom.

<u>Decide</u>

Ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti tichad l-appell, bl-ispejjez kollha jithallsu mir-rikorrent.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb